



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0080/2017**

28.3.2017

# **RAPPORT**

dwar inizjattiva ewlenija tal-UE għas-settur tal-ħwejjeġ  
(2016/2140(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Lola Sánchez Caldentey

**WERREJ**

|   | <b>Pàġna</b> |
|---|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....               | 3            |
| NOTA SPJEGATTIVA.....   | 19           |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI .....            | 21           |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....      | 29           |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....       | 37           |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 38           |

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar inizzjattiva ewlenija tal-UE għas-settur tal-ħwejjeġ (2016/2140(INI))

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 153, 191, 207, 208 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 12, 21, 28, 29, 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>1</sup> u l-Kumment Ġenerali Nru 16 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar it-tħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat, id-diskriminazzjoni, u l-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 26/9 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU<sup>3</sup>, li permezz tagħha ġie deċiż li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma intergovernattiv b'kompożizzjoni miftuħa dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, li l-mandat tiegħu għandu jkun it-tfassil ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti li jirregola, fil-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet tal-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-25 ta' Settembru 2015 "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-programmi ffinanzjati mill-Fond Fiduċjarju tan-NU biex tintemm il-Vjolenza fuq in-Nisa u ffokati fuq l-indirizzar tal-fastidju u l-vjolenza kontra n-nisa fl-industrija tal-ilbies<sup>5</sup>,

<sup>1</sup> <https://www.unicef.org/crc/>

<sup>2</sup> [http://www.ohchr.org/Documents/Publications/GuidingPrinciplesBusinessHR\\_EN.pdf](http://www.ohchr.org/Documents/Publications/GuidingPrinciplesBusinessHR_EN.pdf)

<sup>3</sup> A/HRC/RES/26/9 (<http://www.ihrb.org/pdf/G1408252.pdf>).

<sup>4</sup> A/RES/70/1 ([http://www.un.org/ga/search/view\\_doc.asp?symbol=A/RES/70/1](http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1))

<sup>5</sup> <http://www.unwomen.org/en/trust-funds/un-trust-fund-to-end-violence-against-women>

- wara li kkunsidra l-Qafas tal-Politika tal-Investment tal-UNCTAD għall-Iżvilupp Sostenibbli (2015)<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment" (COM(2015)0497)<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-2015 dwar l-analiżi tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt għal inizjattivi politiċi marbuta mal-kummerċ<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar it-tieni anniversarju tat-tiġri tal-bini Rana Plaza u l-progress tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladexx<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2016 dwar is-settur privat u l-iżvilupp<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2010 tal-Parlament dwar l-istandards soċjali u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltà korporattiva<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-objettiv tematiku "nsaħħu l-kompetittività tal-SMEs" (Artikolu 9(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni)<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar ir-responsabbiltà tal-kumpaniji għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar ir-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea

<sup>1</sup> [http://unctad.org/en/PublicationsLibrary/diaepcb2015d5\\_en.pdf](http://unctad.org/en/PublicationsLibrary/diaepcb2015d5_en.pdf)

<sup>2</sup> <http://www.oecd.org/daf/inv/mne/48004323.pdf>

<sup>3</sup> ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1.

<sup>4</sup> [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/october/tradoc\\_153846.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/october/tradoc_153846.pdf)

<sup>5</sup> [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/july/tradoc\\_153591.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/july/tradoc_153591.pdf)

<sup>6</sup> ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.

<sup>7</sup> ĠU C 346, 21.9.2016, p. 39.

<sup>8</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0137.

<sup>9</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0298.

<sup>10</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0335.

<sup>11</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0405.

dwar il-kwistjoni 2015<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "Il-Klawsoli dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokrazija fil-Ftehimiet Internazzjonali tal-UE", ippublikat fl-2015 mid-Dipartiment Tematiku tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "Il-Politika Kummerċjali tal-UE: minn waħda li ma tqisx il-ġeneru għal waħda sensittiva għalih?" mid-Dipartiment Tematiku tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Parlament Ewropew<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Użbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'kunsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Patt dwar is-Sostenibbiltà għal Titjib Kontinwu fir-rigward tad-Drittijiet tax-Xogħol u s-Sikurezza tal-Fabbriki fl-Industrija tal-Ilbies Lest u tal-Maljerija fil-Bangladesh,
- wara li kkunsidra l-Programm tal-ILO dwar it-titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fis-Settur tal-Ħwejjeġ Lest fil-Bangladesh<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-2013 dwar is-Sikurezza kontra n-Nirien u s-Sikurezza tal-Bini fil-Bangladesh,
- wara li kkunsidra l-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat fil-25 ta' April 2016 mill-President ta' Inditex, Pablo Isla, u mis-Segretarju Ġenerali tal-IndustriALL Global Union, Jyrki Raina, dwar ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista fis-settur tal-ilbies,
- wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Ġestjoni Responsabbli tal-Katina tal-Provvista fis-Settur tal-Ilbies, li saret fi Brussell fil-25 ta' April 2016,
- wara li kkunsidra l-iskema SĠP+ tal-UE<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra l-"Fond Viżjoni Zero", mibdi fl-2015 mill-G7 f'kooperazzjoni mal-ILO sabiex jitrawmu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-pajjiżi tal-produzzjoni,

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0502.

<sup>2</sup> [http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2004\\_2009/documents/nt/584/584520/584520en.pdf](http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2004_2009/documents/nt/584/584520/584520en.pdf)

<sup>3</sup> [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2015/549058/EXPO\\_IDA\(2015\)549058\\_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2015/549058/EXPO_IDA(2015)549058_EN.pdf)

<sup>4</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0490.

<sup>5</sup> <http://www.ilo.org/dhaka/Whatwedo/Projects/safer-garment-industry-in-bangladesh/lang--en/index.htm>

<sup>6</sup> [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/august/tradoc\\_153732.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/august/tradoc_153732.pdf)

<sup>7</sup> ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

- wara li kkunsidra s-Sħubija Ġermaniża għal Tessuti Sostenibbli<sup>1</sup>, u l-Ftehim Olandiż dwar il-Ħwejjeġ u t-Tessuti Sostenibbli<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0080/2017),
- A. billi l-iżvilupp ekonomiku għandu jimxi id f'id mal-ġustizzja soċjali u mal-politika ta' governanza tajba; billi l-kumplessità u l-frammentazzjoni tal-ktajjen ta' valur mondjali jirrikjedu politiki komplementari biex ikun hemm proċess ta' titjib kontinwu biex irendi sostenibbli l-ktajjen ta' valur mondjali u l-ktajjen tal-produzzjoni u sabiex joħolqu valur fil-ktajjen tal-provvista, kif ukoll studji dwar l-impatt ta' strutturi organizzattivi fis-settur, is-sistema ta' koordinazzjoni u s-setgħa ta' negozjar tal-membri tan-netwerks fuq l-iżvilupp ta' dawn il-proċessi; billi huma rikjesti miżuri ta' sostenn komplementari sabiex iħarsu kontra l-impatt negattiv potenzjali ta' dawn il-ktajjen; billi għandu jiġi ggarantit aċċess effettiv għal rimedju għall-vittmi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
  - B. billi 60 miljun ruħ madwar id-dinja jaħdmu fis-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li joħloq ħafna impjiegi, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
  - C. billi l-manifatturi tat-tessuti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma kontinwament esposti għal Prattiki ta' xiri aggressivi min-negozji internazzjonali li joperaw bl-ingrossa u bl-imnut, li huma dovuti wkoll għall-kompetizzjoni globali ħarxa;
  - D. billi l-vittmi tal-aktar tliet inċidenti fatali fis-setturi tal-ħwejjeġ (Rana Plaza, Tazreen u Ali Enterprises) irċewew jew qegħdin fil-proċess li jirċievu kumpens għat-telf ta' dħul; billi l-għoti ta' kumpens f'dan il-każ huwa konformi mal-Konvenzjoni 121 tal-ILO u huwa r-riżultat ta' kooperazzjoni bla preċedent bejn id-ditti, it-trade unions, is-soċjetà ċivili, il-gvernijiet u l-ILO; billi, minkejja l-fatt li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem qed jinkisru b'mod estensiv, għadu rari li jingħata rimedju effettiv;
  - E. billi l-vittmi tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu kumpaniji Ewropej iħabbtu wiċċhom ma' ħafna ostakoli biex ikollhom aċċess għal rimedji ġudizzjarji, fosthom ostakoli proċedurali għall-ammissibbiltà u d-divulgazzjoni tal-provi, spejjeż ta' litigazzjoni li spiss huma projbittivi, nuqqas ta' standards ċari fil-qasam tar-responsabbiltà tal-kumpaniji involuti fl-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u nuqqas ta' ċarezza dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-liġi internazzjonali privat f'litigazzjoni ċivili transnazzjonali;
  - F. billi l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi b'mod qawwi li l-politika kummerċjali tal-UE tkun mibnija fuq il-politiki u l-oġettivi esterni tal-UE, b'mod konkret dawk tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp stabbiliti fl-Artikolu 208 tat-TFUE; billi l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) itenni li l-azzjonijiet esterni tal-UE se jiġu ggwidati mill-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet

<sup>1</sup> <https://www.textilbuendnis.com/en/>

<sup>2</sup> <https://www.ser.nl/en/publications/publications/2016/agreement-sustainable-garment-textile.aspx>

fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u l-konformità mal-Karta tan-NU u mad-dritt internazzjonali;

- G. billi l-UE hija t-tieni l-akbar esportatur fid-dinja ta' prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ wara ċ-Ċina, bis-saħħa ta' madwar 174 000 kumpanija tat-tessuti u l-ilbies, li 99 % minnhom huma SMEs u li jipprovdu impjieg għal madwar 1,7 miljun ruħ; billi, barra minn hekk, aktar minn terz (34,3 %, li jirrappreżentaw valur totali ta' EUR 42.29 biljun) tal-ħwejjeġ destinati għall-użu fl-Ewropa huwa magħmul minn kumpaniji tal-UE;
- H. billi d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol timpenja lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw u jippromwovu l-prinċipji u d-drittijiet f'erba' kategoriji, indipendentement minn jekk ikunux irratifikaw il-Konvenzjonijiet rilevanti, jiġifieri: il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv; l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjegi u dik professjonali; l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat jew obbligatorju; l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal;
- I. billi n-negozjar kollettiv huwa wieħed mill-mezzi li jiżgura li t-tkabbir fil-pagi u fil-produttività jimxu id f'id; billi, madankollu, l-użu ta' forom mhux standard ta' impjegi, inkluż sottokuntrattar u xogħol informali, fil-katina tal-provvista globali, dgħajjef il-ftehimiet kollettivi; billi bosta ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ ma jaqilgħux paga li tiggarantilhom l-għajxien;
- J. billi ħafna Stati Membri, bħall-Ġermanja, in-Netherlands, id-Danimarka u Franza, jipromovew programmi nazzjonali;
- K. billi l-proġett "Realizzazzjoni ta' Valur fit-Tul għall-Kumpaniji u għall-Investituri" li qiegħed jitwettagħ bħala parti mill-inizjattiva tal-Prinċipji tan-NU għall-Investment Responsabbli u l-Patt Globali tan-NU juri li l-ekonomija hija kompatibbli ma', u ta' tisħiħ reċiproku għall-prinċipji ta' ġustizzja soċjali, sostenibbiltà ambjentali u rispett għad-drittijiet tal-bniedem;
- L. billi l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem japplikaw għall-Istati kollha u għall-intrapriżi kummerċjali kollha, kemm transnazzjonali kif ukoll ta' natura oħra, indipendentement mid-daqs, mill-post, mis-sjeda u mill-istruttura tagħhom;
- M. billi l-UE hija attur ewlieni bħala investitur, xerrej, bejjiegħ u konsumatur fl-industrija u l-kummerċ tal-ħwejjeġ, u għalhekk hija l-aktar adattata biex tiġbor flimkien inizjattivi multipli madwar id-dinja sabiex ittejjeb sostanzjalment is-sitwazzjoni infraumana mġarrba minn għexieren ta' miljuni ta' ħaddiema f'dan is-settur u toħloq sitwazzjoni fejn kull min ikun involut jista' jikkompetti bl-istess kundizzjonijiet;
- N. billi l-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' valur mondjali hija partikolarment rilevanti minn perspettiva ta' żvilupp, peress li l-ksur serju ħafna tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u t-tniġġis ambjentali spiss iseħħu fil-pajjiżi produttori li ħafna drabi jħabbtu wiċċhom ma' sfidi sinifikanti f'termini ta' żvilupp sostenibbli u tkabbir, b'mod li jintlaqtu dawk l-aktar vulnerabbli;
- O. billi l-prestazzjoni b'saħħitha ta' esportazzjonijiet tal-ħwejjeġ, b'mod partikolari, fiċ-

Ċina, fil-Vjetnam, fil-Bangladesh u fil-Kambodja hija mistennija li tkompli;

- P. billi l-maġġoranza vasta tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fis-settur tal-ħwejjeġ tikkonċerna diversi aspetti tad-drittijiet tax-xogħol, bħaċ-ċaħda mid-dritt fundamentali tal-ħaddiema li jissieħbu jew jiffurmaw union tal-ġhażla tagħhom u jinnegozjaw b'mod kollettiv *in bona fede*, u dan jaġħmilha diffiċli li jkun garantit li l-ħaddiema jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq il-post tax-xogħol; billi din is-sitwazzjoni wasslet għal ksur mifruż tad-drittijiet tax-xogħol, inklużi: pagi baxxi ħafna, serq tal-pagi, xogħol furzat u tħaddim tat-tfal, tkeċċijiet arbitrarji, postijiet tax-xogħol mhux sikuri u kundizzjonijiet tax-xogħol mhux tajbin għas-saħħa, vjolenza kontra n-nisa, fastidju fiżiku u sesswali, u xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji; billi, minkejja l-fatt li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem qed jinkisru b'mod estensiv, għadu rari li jingħata rimedju effettiv; billi dawn in-nuqqasijiet fix-xogħol deċenti huma partikolarment gravi f'żoni ta' pproċessar tal-esportazzjonijiet marbuta ma' ktajjen tal-provvista mondjali, li spiss huma kkaratterizzati minn eżenzjonijiet mil-liġijiet tax-xogħol u t-taxxi, u restrizzjonijiet fuq l-attivitatiet tat-trade unions u fuq in-negozjar kollettiv;
- Q. billi l-inizjattivi volontarji mmexxija mis-settur privat matul dawn l-aħħar 20 sena, bħal kodiċijiet ta' kondotta, tikketti, awtovalutazzjoni u awditi soċjali, filwaqt li pprovdew oqfsa rilevanti għal kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, ma rriżultawx effettivi biżżejjed biex iwasslu għal titjib reali fil-qasam tad-drittijiet tal-ħaddiema, speċjalment f'termini ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, żieda fl-għadd ta' drittijiet tal-ħaddiema, is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll standards ambjentali, u sigurtà u sostenibbiltà fil-katina tal-provvista tal-ħwejjeġ;
- R. billi inizjattivi bejn diversi partijiet ikkonċernati bħas-Sħubija Ġermaniża għal Tessuti Sostenibbli jew il-Ftehim Olandiż dwar il-ħwejjeġ u t-Tessuti Sostenibbli qed jiġbru lil partijiet ikkonċernati bħall-industrija, it-trade unions, il-gvern u l-NGOs madwar mejda waħda; billi l-istandards stabbiliti minn dawn l-inizjattivi jinkludu wkoll kwistjonijiet ambjentali; billi dawn l-inizjattivi għadhom ma daħlux fil-fażi ta' implimentazzjoni, u għaldaqstant għad m'hemmx riżultati konkreti; billi inizjattivi nazzjonali bħal dawn huma meħtieġa minħabba nuqqas ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-UE; billi, madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom ma stabbilewx tali inizjattivi;
- S. billi l-isforzi ta' korporazzjonijiet għall-promozzjoni ta' konformità fuq il-post tax-xogħol jistgħu jappoġġjaw, iżda mhux jieħdu post, l-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' governanza pubblika, jiġifieri d-dmir ta' kull stat li jippromwovi l-konformità u jinforza l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tax-xogħol, inklużi l-amministrazzjoni tax-xogħol u l-funzjonijiet ta' spezzjoni, is-soluzzjoni tat-tilwim u l-prosekuzzjoni ta' dawk li jiksru l-liġi, u li jirratifika u jimplementa l-istandards internazzjonali tax-xogħol;
- T. billi t-tendenzi tal-industrija tal-ħwejjeġ għadhom qed jimxu lejn il-kunċett ta' moda mgħaġġla (fast fashion), li joħloq theddida enormi u jpoġġi pressjoni enormi fuq il-ħaddiema tas-settur tal-ħwejjeġ fil-pajjiżi produttori;
- U. billi l-Ministeru Ġermaniż għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp stipula mira li sal-2020 50 % tal-importazzjonijiet Ġermaniżi kollha tat-tessuti se jkollhom jissodisfaw kriterji ekoloġiċi u soċjali;



- V. billi, sabiex titjeb il-governanza tal-ktajjen ta' valur mondjali, id-diversi strumenti u inizjattivi f'oqsma politiċi bħall-kummerç u l-investment, l-appoġġ għas-settur privat u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp iridu jiġu sfruttati sabiex jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u l-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' valur mondjali bħala parti mit-tweqqif tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li tirrikonoxxi l-impatt kruċjali tal-politiki kummerċjali fl-implimentazzjoni tal-miri tagħha billi tkopri għadd ta' oqsma politiċi, bħar-regoli ta' oriġini, is-swieq tal-prodotti bażiċi, id-drittijiet tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- W. billi l-karatteristiċi speċifiċi tal-ktajjen tal-valur tas-settur tal-ħwejjeġ, bħalma huma l-istadji ġeografikament imxerrdin tal-proċess ta' produzzjoni, it-tipi differenti ta' ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ, il-politika dwar ix-xiri, il-prezzijiet baxxi, il-volumi kbar, iż-żminijiet qosra biex jinbeda u jintemm ix-xogħol, is-sottokuntrattar u r-relazzjonijiet fuq żmien qasir bejn il-fornitur u x-xerrej iwasslu biex tonqos il-viżibbiltà, it-traċċabbiltà u t-trasparenza tul il-katina tal-provvista ta' intrapriża u jiżiedu r-riskji ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, ta' danni ambjentali u ta' trattament inadegwat tal-annimali sa mill-istadju tal-produzzjoni tal-materja prima; billi t-trasparenza u t-traċċabbiltà huma prerekwiżiti għall-obbligi ta' rendikont u l-konsum responsabbli ta' kumpanija; billi l-konsumatur għandu d-dritt li jkun jaf fejn biċċa ħwejjeġ kienet prodotta, u skont liema kundizzjonijiet soċjali u ambjentali; billi jekk il-konsumaturi jiġu żgurati d-dritt għal informazzjoni trasparenti, rilevanti u ta' min jorbot fuqha fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-produzzjoni, dan jgħin iġib bidla dejjiema fejn jidħlu t-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-katina ta' provvista fis-settur tal-ħwejjeġ;
- X. billi d-drittijiet tan-nisa jagħmlu parti kostituttiva mid-drittijiet tal-bniedem; billi l-ugwaljanza bejn is-sessi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kapitoli dwar il-Kummerç u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali; billi l-impatt speċifiku tal-ftehimiet kummerċjali u tal-investment jaffettwa b'mod differenti lin-nisa u lill-irġiel minħabba l-inugwaljanzi strutturali bejn is-sessi; billi sabiex jissaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa, għandha tiġi koperta d-dimensjoni tas-sessi fil-ftehimiet kummerċjali kollha;
- Y. billi l-impjeg tan-nisa fis-settur tal-ħwejjeġ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għad-dħul tal-familji u t-tnaqqis tal-faqar;
- Z. billi d-drittijiet tat-tfal huma parti integrali mid-drittijiet tal-bniedem u l-għan li jintemm it-tħaddim tat-tfal għandu jibqa' essenzjali; billi x-xogħol tat-tfal jirrikjedi regolamenti speċifiċi li jirregolaw l-età, il-ħin tax-xogħol u t-tipi ta' xogħlijiet;
- AA. billi f'Diċembru 2016 ħafna attivisti tat-trade unions ġew arrestati fil-Bangladesh, avveniment li wassal għal protesta għal paga li tiggarrantixxi l-għajxien u kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol; billi bosta mijiet ta' ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ tkeċċew minn xogħolhom wara l-protesti; billi d-dritt ta' assoċjazzjoni għadu mhux qed jiġi rispettatt fil-pajjiżi produttori;
- AB. billi huwa stmat li bejn 70 u 80 % l-impjegati fis-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu fil-pajjiżi produttori huma ħaddiema nisa b'livell baxx ta' ħilet u spiss minorenni; billi l-

<sup>1</sup> <https://europa.eu/eyd2015/en/fashion-revolution/posts/exploitation-or-emancipation-women-workers-garment-industry>

pagi baxxi, flimkien ma' livell baxx jew totalment assenti ta' protezzjoni soċjali jagħmlu lil dawn in-nisa u t-tfal partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament; billi perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u miżuri speċifiċi dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa huma fil-biċċa l-kbira neqsin fl-inizjattivi ta' sostenibbiltà li għaddejjin;

- AC. billi s-settur privat jiżvolġi rwol essenzjali sabiex jitravwem tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-ekonomija ta' ċerti pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddependu mill-industrija tal-ħwejjeġ; billi l-espansjoni ta' din l-industrija ppermettiet lil ħafna ħaddiema jimxu mill-ekonomija informali għas-settur formali;
  - AD. billi s-settur tal-ħwejjeġ huwa s-settur li fih għaddej l-akbar ammont ta' inizjattivi għas-sostenibbiltà; billi xi inizjattivi eżistenti għenu jtejbu s-sitwazzjoni fis-settur tal-ħwejjeġ u għandhom għaldaqstant jtkomplew ukoll l-isforzi fil-livell Ewropew;
  - AE. billi l-ftehimiet kummerċjali, flimkien ma' djalogu soċjali u monitoraġġ fil-livell tal-kumpaniji, huma għodda importanti biex jippromwovu xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista mondjali;
  - AF. billi f'Ottubru 2015 il-Kummissjoni ħarġet l-istrateġija kummerċjali l-għdida tagħha magħrufa bħala "Kummerċ għal Kulħadd", fejn tistabbilixxi l-għan tagħha li tuża l-ftehimiet kummerċjali u programmi ta' preferenza bħala xprun sabiex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem u l-kummerċ ġust u etiku madwar id-dinja u biex ittejjeb il-livell ta' responsabbiltà tal-ktajjen tal-provvista bħala mezz ta' tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, il-għieda kontra l-korruzzjoni, u l-governanza tajba f'pajjiżi terzi;
1. Jilqa' l-fatt li qed tingħata attenzjoni dejjem akbar lill-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti permezz tal-ktajjen tal-provvista mondjali wara t-tiġrif tal-fabbrika Rana Plaza, l-introduzzjoni tal-abbozz ta' liġi Franċiża dwar diliġenza dovuta mandatorja, l-abbozz ta' liġi tar-Renju Unit kontra l-iskjavitù, il-Ftehim Olandiż dwar il-ħwejjeġ u t-Tessuti Sostenibbli, is-Sħubija Ġermaniża għal Tessuti Sostenibbli, u d-dikjarazzjoni tal-President Juncker fis-Summit tal-G7 favur "azzjoni urġenti" biex titjieb ir-responsabbiltà fil-ktajjen tal-provvista mondjali, fejn qed tingħata aktar attenzjoni lill-promozzjoni tas-sostenibbiltà, it-trasparenza u t-traċċabbiltà għall-ktajjen tal-valur u dawk tal-provvista; jirrikonoxxi l-impenn tal-Kummissjoni lejn ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista, inkluż fis-settur tal-ħwejjeġ, kif deskritt fil-Komunikazzjoni bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd"; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-green card li fiha tmien Stati Membri appellaw għal dmir ta' diliġenza mill-kumpaniji bbażati fl-UE fil-konfront tal-individwi u komunitajiet li d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent lokali tagħhom huma affettwati mill-attivitajiet ta' dawk il-kumpaniji; jilqa' l-approċċ olistiku tal-Indiċi Higg fil-kejl tal-impatti ambjentali, soċjali u tax-xogħol tal-intrapriżi; jenfasizza l-ħtieġa li jtkompla t-titjib fl-Indiċi Higg u li titjieb it-trasparenza tiegħu;
  2. Jilqa' l-ftehim ta' kooperazzjoni konkluż bejn Inditex u IndustriALL Global Union, li flimkien jirrappreżentaw 50 miljun ħaddiem f'140 pajjiż, fir-rigward tat-titjib tal-ġestjoni tal-katina tal-provvista fis-settur tal-ħwejjeġ; jenfasizza li l-futur tas-settur tal-ħwejjeġ se jiddependi mit-titjib tal-produttività sostenibbli u tat-traċċabbiltà sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni effettiva tal-proċessi li jseħħu tul il-katina tal-valur, u li se tagħmilha possibbli li jiġi identifikat u introdott it-titjib;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ legalment vinkolanti tal-Ftehim dwar is-Sikurezza kontra n-Nirien u s-Sikurezza tal-Bini kif ukoll il-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh immedija mill-Kummissjoni flimkien mal-Bangladesh u l-ILO wara d-diżastru ta' Rana Plaza fl-2013, peress li jinkludi dispożizzjonijiet għat-trade unions u għar-rinnovament tal-fabbriki spezzjonati, u jitlob li l-iskadenza tiegħu tiġi estiża; jenfasizza l-importanza li jitkompla l-monitoraġġ tal-objettivi tal-patt sabiex jittejbu d-drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aktar responsabbli tal-ktajjen tal-provvista mondjali; jitlob lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni dettaljata tal-patt, fejn tiddekrivi kwalunkwe progress jew nuqqas tiegħu, inklużi modifiki eventwali fir-reġim kummerċjali jekk meħtieġ, speċjalment fid-dawl tar-rapporti tal-mekkaniżmi superviżorji tal-ILO; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi programmi u miżuri simili ma' sħab kummerċjali oħra tal-UE li jipproduċu l-ħwejjeġ bħalma huma s-Sri Lanka, l-Indja jew il-Pakistan;
4. Jappoġġja l-fatt li l-Kummissjoni qed teżamina l-possibbiltà li tniedi inizjattiva għall-UE kollha kemm hi fir-rigward tas-settur tal-ħwejjeġ; jinnota, barra minn hekk, li l-akkumulazzjoni attwali ta' inizjattivi eżistenti tista' tirriżulta f'ambjent imprevedibbli għall-kumpaniji; jemmen li proposta ġdida għandha tindirizza l-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, tippromwovi s-sostenibbiltà, it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-ktajjen ta' valur, issaħħaħ il-konsum konxju u timmira lejn id-drittijiet tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod partikolari; jemmen li l-konsumaturi tal-UE għandhom id-dritt li jkunu infurmati dwar is-sostenibbiltà u l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent tal-prodotti tal-industrija tal-ħwejjeġ; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-isforzi u l-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE dwar il-ħwejjeġ għandhom ikunu viżibbli fuq il-prodott finali;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tmur lil hinn mill-preżentazzjoni ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar obbligi ta' diliġenza dovuti vinkolanti għall-ktajjen tal-provvista fis-settur tal-ħwejjeġ; jenfasizza li din il-proposta leġiżlattiva trid tiġi allinjata mal-linji gwida l-ġodda tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta fis-settur tal-ħwejjeġ u taż-żraben, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali li jimportaw lejn l-Unjoni Ewropea, ir-riżoluzzjoni tal-ILO dwar xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista u mal-istandards maqbula internazzjonalment dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali;
6. Jenfasizza li l-linji gwida l-ġodda tal-OECD għandhom ikunu l-prinċipju ewlieni fil-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni; jisħaq fuq il-fatt li din il-proposta leġiżlattiva għandha tinkludi standards fundamentali, bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-istandards tas-saħħa, paga li tiggarrantixxi l-għajxien, il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negożjar kollettiv, il-prevenzjoni tal-fastidju sesswali u tal-vjolenza fuq il-post tax-xogħol u l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat u t-ħaddim tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin: il-kriterji kruċjali għal produzzjoni sostenibbli, trasparenza u traċċabbiltà, inkluż il-ġbir trasparenti ta' data u għodod ta' informazzjoni għall-konsumatur, kontrolli u awditjar tad-diliġenza dovuta, aċċess għal rimedju, ugwaljanza bejn is-sessi, drittijiet tat-tfal, rappurtar tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista, ir-responsabbiltà tal-kumpaniji f'każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem u s-sensibilizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi proposti u inizjattivi leġiżlattivi nazzjonali oħrajn li għandhom l-istess għan bħal-leġiżlazzjoni, ladarba dawk il-proposti u l-inizjattivi jkunu ġew awditjati u wrew li

jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Ewropea;

7. Itenni l-appell tiegħu għall-Kummissjoni biex testendi r-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-inizjattivi ta' diliġenza dovuta vinkolanti lil hinn mill-oqfsa eżistenti fis-settur tal-ħwejjeġ, u dan sabiex tiżgura li l-UE, flimkien mas-sħab u l-operaturi kummerċjali tagħha jissodisfaw l-obbligu li jirrispettaw kemm id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-oġhla standards soċjali u ambjentali; jenfasizza li l-industrija tal-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea għandha tikkonforma wkoll mal-istandards tal-ILO, bħal paga li tiggarrantixxi l-għajxien jew kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lir-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-ħwejjeġ fl-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw l-istandards tal-ILO fis-settur tal-ħwejjeġ;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv l-użu ekoloġiku u l-ġestjoni sostenibbli tal-materja prima bħall-qoton u tippromwovi l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' ħwejjeġ u tessuti fi ħdan l-Unjoni Ewropea permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-proposta leġiżlattiva dwar is-settur tal-ħwejjeġ; jitlob lill-UE, lill-Istati Membri u lin-negozji jżidu l-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp, inkluż fil-qasam tar-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-materja prima għas-settur tal-ħwejjeġ fl-UE tinkiseb minn sors alternattiv u sostenibbli; jilqa' l-inizjattivi mfasla biex jimplimentaw l-oġhla standards disponibbli li huma l-aktar dixxiplinati fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, bħall-istandard għal rix responsabbli (RDS jiġifieri Responsible Down Standard) u l-istandard għal suf responsabbli (RWS jiġifieri Responsible Wool Standard) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tużahom bħala linji gwida għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-proposta leġiżlattiva tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi riżorsi addizzjonali f'istituzzjonijiet sabiex issegwi l-inizjattiva ewlenija;
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu msaħħa l-kodiċijiet ta' kondotta, it-tikketti ta' eċċellenza u l-iskemi ta' kummerċ ġust, billi jiġi żgurat l-allinjament ma' standards internazzjonali bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Globali tan-NU, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali (id-Dikjarazzjoni MNE), il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-gwida tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta għas-settur tal-ħwejjeġ u ż-żraben u d-drittijiet tat-tfal u l-prinċipji kummerċjali żviluppatti mill-UNICEF, il-Patt Globali tan-NU u Save the Children; jenfasizza bl-istess mod il-ħtieġa li jiġi intensifikat id-djalogu soċjali transkonfinali permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet qafas internazzjonali sabiex jiġu promossi d-drittijiet tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista tal-intrapriżi multinazzjonali;
10. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni, infurzar jew traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti fuq livelli reġjonali, nazzjonali u internazzjonali;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti riżultati fir-rigward tal-oġettiv tagħha li trawwem titjib fis-settur tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu, inkluż anke billi tintegra b'mod qawwi d-dimensjoni tal-ġeneri u dik tat-tfal fil-politiki u l-azzjonijiet predominanti tagħha; jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-emanċipazzjoni tan-nisa u d-drittijiet tat-tfal prijorità ċentrali tal-proposta leġiżlattiva tagħha; jemmen li din l-inizjattiva għandha tippromwovi n-nondiskriminazzjoni u tindirizza l-kwistjoni ta'

- fastidju fuq il-post tax-xogħol, kif diġà previst minn impenji Ewropej u internazzjonali;
12. Itenni l-impenn tiegħu favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi promoss l-aċċess tan-nisa għal karigi ta' tmexxija permezz ta' appoġġ għat-taħriġ ta' ħaddiema nisa dwar id-drittijiet tagħhom, il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol u kwistjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll għat-taħriġ tal-maniġers maskili dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni;
  13. Jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija komprensiva dwar kif l-iżvilupp, l-għajnuna għall-kummerċ u l-politiki ta' akkwist pubbliku jistgħu jappoġġjaw katina tal-provvista tal-ħwejjeġ aktar ġusta u aktar sostenibbli u l-mikrointrapriżi lokali, billi tippromwovi l-aħjar prattiki u tipprovdi inċentivi lill-atturi mis-settur privat li jinvestu fis-sostenibbiltà u l-ġustizzja tal-ktajjen tal-provvista tagħhom, mill-bidwi li jikkultiva l-fibri sal-konsumatur finali;
  14. Jemmen li l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi għandu rwol fundamentali fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, ħtieġa enfasizzata mit-tiġrif tar-Rana Plaza; jitlob li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni ċara u affidabbli dwar is-sostenibbiltà fis-settur tal-ħwejjeġ, minn fejn joriġinaw il-prodotti u sa liema punt ġew irrispettati d-drittijiet tal-ħaddiema; jirakkomanda li l-informazzjoni miġbura b'riżultat tal-azzjoni tal-UE għandha tkun pubblikament disponibbli, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw it-twaqqif ta' bażi ta' data online pubblika tal-informazzjoni rilevanti kollha rigward l-atturi kollha tul il-katina tal-provvista;
  15. Jappella għal aktar sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi Ewropej rigward il-produttjoni ta' prodotti tat-tessuti; jipproponi, għal dan l-għan, l-iżvilupp ta' standards ta' tikkettar fl-UE kollha għal "fair clothing", aċċessibbli kemm għall-kumpaniji multinazzjonali kif ukoll għall-SMEs, biex jindika li jkun ġew rispettati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u biex jgħin lill-klijenti fid-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom b'informazzjoni aħjar;
  16. Jenfasizza l-ħtieġa li tinġabar u tiġi ppubblikata data komprensiva dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà korporattiva; jitlob, f'dan il-kuntest, l-elaborazzjoni ta' definizzjonijiet u standards komuni b'mod armonizzat għall-ġbir u t-tqabbil ta' data statistika, partikolarment dwar importazzjonijiet ġenerali iżda anke siti ta' produttjoni individwali; jitlob li l-Kummissjoni tnedi inizjattiva għall-iżvelar obligatorju tas-siti ta' produttjoni;
  17. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa varjetà wiesgħa ta' sistemi ta' monitoraġġ fis-settur tal-ħwejjeġ tal-UE billi tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni – li jinkludu l-ġbir ta' data bl-użu ta' s'tħarriġ, l-awditjar u tekniki ta' analiżi tad-data li jistgħu effettivament ikejlu l-prestazzjoni u jindirizzaw l-impatt tas-settur tal-ħwejjeġ fuq l-iżvilupp, id-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem fil-katina tal-provvista tal-ħwejjeġ kollha kemm hi;
  18. Jemmen li huwa kruċjali li jiġi żgurat aċċess akbar għall-informazzjoni dwar l-imġiba tal-intrapriżi; iqis li huwa fundamentali li tiġi introdotta sistema effettiva u obligatorja ta' rappurtar u diliġenza dovuta għall-prodotti tal-ħwejjeġ li jidħlu fis-suq tal-UE; jemmen li jkun tajjeb li r-responsabbiltà taqa' fuq l-atturi kollha tul il-katina tal-provvista kollha, inklużi s-sottokuntratturi fl-ekonomija formali u informali (inklużi fiż-

żoni ta' proċessar għall-esportazzjoni), u jfaħħar l-isforzi eżistenti għal dan l-għan; jemmen li l-UE qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tiżviluppa qafas komuni permezz ta' leġislazzjoni dwar id-diliġenza dovuta transnazzjonali obbligatorja, ir-rimedju għall-vittmi u t-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-katina tal-provvista, filwaqt li tagħti wkoll attenzjoni għall-protezzjoni ta' min jiżvela l-informazzjoni; jirrakkomanda li informazzjoni affidabbli, ċara u sinifikanti dwar is-sostenibbiltà titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi;

19. Jirrimarka li l-koordinazzjoni, il-qsim tal-informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki jistgħu jikkontribwixxu biex irendu l-inizjattivi tal-katina tal-valur privati u pubbliċi aktar effiċjenti u jiksbu riżultati pożittivi fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli;
20. Jitlob li jkun hemm inizjattivi nazzjonali u Ewropej biex jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jixtru prodotti magħmula lokalment;
21. Jinnota li l-prezz għadu fattur determinanti fil-prattiki ta' xiri ta' ditti u bejjieġha bl-imnut, spiss għad-detriment tal-benesseri u l-pagi tal-ħaddiema; jistieden lill-UE taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tippromwovi sħubija soċjali li tirnexxi u biex tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi għall-iffissar tal-pagi skont il-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO, speċjalment fil-pajjiżi fejn hemm nuqqas ta' leġislazzjoni adegwata; jenfasizza l-ħtieġa li l-ħaddiema jiġu ggarantiti l-ħlas regolari ta' paga adegwata li tippermettilhom u lill-familji tagħhom jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom mingħajr ma jkollhom jaħdmu ħinijiet żejda b'mod regolari; jenfasizza l-ħtieġa ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv li jipprevjenu kompetizzjoni negattiva rigward l-ispejjeż salarjali, u l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-konsegwenzi potenzjali ta' domanda għal prezzijiet dejjem aktar baxxi;
22. Jenfasizza li l-gvernijiet tal-pajjiżi produttori jeħtiġilhom ikunu jistgħu jimplementaw standards u normi internazzjonali, inklużi t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni xierqa, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-istabbiliment tal-istat tad-dritt u l-għlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-pajjiżi produttori f'dan il-qasam skont il-politika tal-UE għall-iżvilupp;
23. Jirrikonoxxi li, filwaqt li kull stat huwa responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tax-xogħol tiegħu stess, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jista' jkollhom kapacià u riżorsi limitati biex jimmonitorjaw u jinforzaw b'mod effettiv il-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti; jistieden lill-UE, fil-qafas tal-programmi tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u bil-ħsieb li jitnaqqas id-distakk ta' governanza, issaħħaħ il-bini tal-kapacià u tipprovdi lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'assistenza teknika dwar l-amministrazzjoni tax-xogħol u s-sistemi ta' spezzjoni, inkluż fis-sottokuntrattar tal-fabbriki u fl-iffaċilitar tal-aċċess għal mekkaniżmi ta' rimedju u ta' lment li jkun xierqa u effettivi, inkluż fiż-żoni ta' proċessar tal-esportazzjonijiet, fejn ħinijiet tax-xogħol twal, sahra furzata u d-diskriminazzjoni fil-pagi huma prattika komuni;
24. Jenfasizza l-importanza ta' spezzjonijiet tax-xogħol u awditjar soċjali fil-katina tal-provvista tal-ħwejjeġ u ż-żraben; huwa tal-fehma li ħafna drabi dawn jirriflettu biss is-sitwazzjoni fiż-żmien meta jitwettqu l-ispezzjonijiet; jirrakkomanda li tittieħed azzjoni ulterjuri sabiex jitjiebu l-ispezzjonijiet u l-awditjar, inkluż taħriġ għal spetturi u l-konverġenza tal-istandards u l-metodi ta' spezzjoni permezz ta' kooperazzjoni mal-

industrija tal-ħwejjeġ u l-pajjiżi produtturi;

25. Jenfasizza l-importanza ta' spezzjonijiet tax-xogħol indipendenti fit-twissija bikrija u l-prevenzjoni, kif ukoll fl-infurzar tar-regoli u r-regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, iżda jinnota li fatturi bħall-eżawriment tal-awditjar jistgħu jikkompromettu l-effikaċja tagħhom u li l-awditi jirriflettu biss is-sitwazzjoni fiż-żmien meta jsiru; jemmen li r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni 81 tal-ILO huma importanti biex jiġi identifikat l-abbuż; jirrakkomanda li ssir aktar riċerka dwar modi kif jittejbu l-awditjar u l-ispezzjonijiet, bħal pereżempju l-konverġenza tal-istandards u l-metodi tal-awditjar u li jintbagħtu spetturi tax-xogħol differenti kull darba, li jistgħu jwasslu għal standards iktar stretti, speċjalment fil-pajjiżi bi problemi ta' korruzzjoni; jinnota l-importanza ta' reklutaġġ adegwat ta' spetturi tax-xogħol u ta' taħriġ kontinwu għall-ispetturi ġodda u eżistenti dwar il-konvenzjonijiet u l-istandards internazzjonali, il-liġijiet tax-xogħol lokali u t-tekniki ta' spezzjoni xierqa; jitlob lill-UE tkompli tappoġġja, kemm finanzjarjament kif ukoll teknikament, l-iżvilupp ta' spettorati tax-xogħol fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-istandards rilevanti tal-ILO, b'mod partikolari fil-kuntest tal-fondi tal-iżvilupp tagħha;
26. Jinnota li l-industrija tal-ħwejjeġ toħloq impjiegi għal firxa wiesgħa ta' ħiliet, minn ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet sa rwoli speċjalizzati ħafna;
27. Jemmen li l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema kollha għandha tiġi żgurata permezz tal-istandards internazzjonali, l-implimentazzjoni tal-liġi nazzjonali u n-negozjar kollettiv fil-livelli kollha (fabbriki, lokali, nazzjonali u internazzjonali), u permezz ta' politiki tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fil-livell tal-fabbriki bħal pjanijiet ta' azzjoni mfassla bil-miktub, implimentati u mmonitorjati bl-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom;
28. Jenfasizza li l-politiki kummerċjali u ta' investiment tal-UE huma interkonnessi mal-politiki dwar il-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġustizzja fiskali, l-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem, il-politiki ambjentali u l-promozzjoni tal-SMEs; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw koerenza politika għall-iżvilupp tan-negozji u tad-drittijiet tal-bniedem fil-livelli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki kummerċjali, tal-investiment u dawk barranin tal-Unjoni, li timplika li l-kundizzjonalità soċjali fi ftehimiet bilaterali u reġjonali għandhom isiru aktar effettivi permezz ta' aktar involviment billi s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili jiġu aktar involuti u kkonsultati matul in-negozjati, billi jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet dwar ix-xogħol u billi jintużaw b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi ex ante u ex post dwar is-sostenibbiltà kummerċjali?;
29. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fin-negozjar tal-ftehimiet internazzjonali u bilaterali, timpenja ruħha favur id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal u tippromwovi l-governanza tajba u klawżoli vinkolanti fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali u ambjentali; jiddispjaċih li l-istati firmatarji mhux dejjem jirrispettaw kompletament il-klawżoli attwali dwar id-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ftehimiet oħra ta' sħubija ekonomika; itenni, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jissaħħu l-istrumenti kollha biex tkun garantita ċ-ċertezza ġuridika;
30. Jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Istati Membri biex jippromwovu, permezz tal-inizjattiva dwar il-ħwejjeġ u strumenti oħra tal-politika kummerċjali, l-implimentazzjoni effettiva

tal-istandards tal-ILO dwar il-pagi u l-ħinijiet tax-xogħol, anke mal-pajjiżi sħab fis-settur tal-ħwejjeġ; jistieden lill-UE, barra minn hekk, tipprovdi gwida u appoġġ dwar kif tista' tittejjeb l-osservanza ta' dawn l-istandards filwaqt illi tgħin fil-binja ta' intrapriżi sostenibbli u ttejjeb il-prospetti ta' impjiegi sostenibbli;

31. Ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu, permezz ta' djalogu ta' politika u bini tal-kapaċità, l-adozzjoni u l-infurzar effettiv tal-istandards internazzjonali tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi sħab, abbażi tal-Konvenzjonijiet tal-ILO, inklużi d-drittijiet u l-istandards tax-xogħol tat-tfal bħall-Konvenzjonijiet 138 u 182, u r-rakkomandazzjonijiet tal-istess organizzazzjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li r-rispett tad-dritt li wieħed jingħaqad u jiforma union u li jidħol f'negozjar kollettiv huwa kriterju kruċjali għall-obbligu ta' rendikont tal-intrapriżi; jiddeplora l-fatt li l-libertà ta' assoċjazzjoni tinkiser spiss f'ħafna postijiet tax-xogħol tal-produzzjoni, u jhegġegħ lill-Istati jsaħħu l-liġijiet tax-xogħol; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-UE tkegħegħ lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw isaħħu r-rwol tal-unions u jippromwovu b'mod attiv id-djalogu soċjali u l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv għall-ħaddiema kollha, ikun xi jkun l-istatus tal-impjieg tagħhom;
32. Jenfasizza r-rwol importanti tas-settur tal-ħwejjeġ bħala xprun għall-iżvilupp b'intensità ta' xogħol għall-ekonomiji emerġenti, speċjalment fis-swieq emerġenti tal-Asja;
33. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp isaħħu l-kundizzjonalitajiet tax-xogħol fl-istandards ta' prestazzjoni tagħhom bħala kundizzjoni kuntrattwali tal-finanzjament;
34. Jinnota li l-pajjiżi "hot spot" koperti mill-inizjattiva ewlenija għandhom aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinkludi r-ratifika tal-istandards fundamentali tal-ILO, l-ispezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà u l-libertà ta' assoċjazzjoni fid-diskussjonijiet dwar il-kontinwazzjoni tal-kummerċ preferenzjali mal-pajjiżi marbuta mal-katina tal-provvista globali għas-settur tal-ħwejjeġ, u ssaħħaħ id-drittijiet tal-bniedem u l-konvenzjonijiet tax-xogħol u tal-ambjent skont is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi;
35. Itenni s-sejħa qawwija tiegħu għall-introduzzjoni sistematika ta' klawżoli vinkolanti dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali kollha, inklużi fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment li diġà ġew konklużi jew li se jiġu konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi; jenfasizza l-ħtieġa, barra minn hekk, għal mekkaniżmi ta' monitoraġġ *ex ante* qabel ma jiġi konkluż kull ftehim qafas, u li dan ma jkunx jista' jiġi konkluż sakemm dawn il-mekkaniżmi ma jiġux inklużi bħala parti fundamentali tal-ftehim; jenfasizza l-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' monitoraġġ *ex post* li jippermettu li tittieħed azzjoni tanġibbli bi tweġiba għall-ksur ta' dawn il-klawżoli, bħal sanzjonijiet xierqa kif stipulat fil-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-ftehim, inkluża s-sospensjoni tal-ftehim;
36. Iqis li kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE għandhom ikunu obligatorji u infurzabbli, biex b'hekk tittejjeb il-ħajja tan-nies, u jenfasizza li trid tiġi inkluża klawżola li tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tal-ILO u l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti kemm fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kif ukoll f'dawk multilaterali; ifakkar li t-twaqqif ta' skemi bħall-Arranġament ta' Inċentiv



Speċjali għal Żvilupp Sostenibbli u Governanza Tajba (SPĠ+) tal-UE, permezz tar-rekwiżit tar-ratifika u l-implimentazzjoni tas-27 konvenzjoni, jista' jgħin biex tittejjeb is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-abolizzjoni tat-ħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat; jenfasizza, b'dan f'moħħu, il-ħtieġa li jitwettaq monitoraġġ bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-SPĠ+ u tar-rispett għall-konvenzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati; jappella lill-UE biex tiżgura li l-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem marbuta ma' preferenzi kummerċjali unilaterali bħalma huma l-SPĠ jew l-SPĠ+ huma effettivament implimentati u monitorjati; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi preferenzi tariffarji għat-tessuti li jintwera li huma prodotti b'mod sostenibbli fir-riforma li jmiss tar-regoli tal-SPĠ/SPĠ+; ihegġegħ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi kriterji ta' sostenibbiltà u rekwiżiti minimi stabbiliti għas-sistemi ta' identifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni abbażi tal-konvenzjonijiet internazzjonali, bħalma huma l-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO jew l-istandards ta' protezzjoni tal-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-produzzjoni ta' prodotti tal-kummerċ ġust permezz ta' dan l-istrument ta' preferenzi tariffarji, tagħti aktar importanza lir-rapporti tal-ILO u s-sejbiet tal-korpi superviżorji tagħha fl-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tagħha u ttejjeb ir-rabta mal-aġenziji lokali tal-ILO u n-Nazzjonijiet Uniti fil-pajjiż benefiċjarju, sabiex tikkunsidra bis-sħiħ il-fehmiet u l-esperjenza tagħhom;

37. Itenni t-talba tiegħu biex jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt sostenibbli għal kull ftehim innegożjat mill-ġdid u jitlob għall-ġbir tad-data diżaggregata skont is-sess;
38. Ifakkar li t-tassazzjoni hija għodda importanti għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti; iqis li, bl-għan li jiġi żgurat li l-kumpaniji kollha, inklużi kumpaniji multinazzjonali, iħallsu t-taxxi lill-gvernijiet ta' pajjiżi fejn isseħħ l-attività ekonomika u jinħoloq il-valur, daww l-inċentivi fiskali, bħal eżenzjonijiet mit-taxxa fiż-żoni ta' pproċessar tal-esportazzjonijiet għandhom jergħu jiġu kkunsidrati flimkien ma' eżenzjonijiet mill-lijijiet u r-regolamenti nazzjonali tax-xogħol;
39. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma li nbdiel fit-tnejn ta' Trattat vinkolanti tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem li huwa maħsub li se jsaħħaħ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluż fis-settur tal-ħwejjegħ; jiddispjaċi għal kull imġiba li tkun ta' ostakolu fir-rigward ta' dan il-proċess, u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jipparteċipaw b'mod kostruttiv f'dawn in-negożjati;
40. Ifakkar fl-effetti negattivi tad-dumping soċjali, inkluż il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u n-nonkonformità mal-istandards tax-xogħol, fuq l-industriji tal-ħwejjegħ Ewropej; għandu fiduċja fil-kapaċità tal-UE, fid-dawl tal-massa kritika tagħha, li tkun protagonista dinjija u xprun għall-bidla; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għalhekk, timpenja ruħha mas-sħab internazzjonali fil-laqgħa ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li jmiss biex tniedi inizjattiva globali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miżuri obligatorji sabiex tiżgura li l-kumpaniji li jimportaw lejn l-Unjoni Ewropea jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ekwi stabbiliti mill-proposta leġiżlattiva mitluba; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, il-ħtiġijiet speċjali tal-SMEs Ewropej u l-fatt li n-natura u l-grad tad-diliġenza dovuta, bħalma huma l-passi speċifiċi li għandhom jittieħdu minn kumpanija, jiġu affettwati mid-daqs tagħha, mill-kuntest tal-operazzjonijiet tagħha u mis-severità tal-impatt negattiv potenzjali tagħha; jappella, għalhekk, li jiġu kkunsidrati b'mod xieraq l-SMEs li jiddominaw l-industrija Ewropea tal-manifattura tal-ħwejjegħ;

iqis li l-SMEs u l-mikrointrapriżi Ewropej li huma involuti fit-twaqqif tal-inizjattiva għandhom jirċievu wkoll appoġġ finanzjarju Ewropew permezz tal-programm COSME;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miżuri speċifiċi sabiex l-SMEs Ewropej ikunu jistgħu jiksbu aċċess għal għodod finanzjarji u politiċi, b'enfasi speċjali fuq il-kapaċità ta' dawk l-SMEs li jiksbu riżultati fir-rigward tat-traċċabbiltà u t-trasparenza b'tali mod li r-rekwiżiti l-ġodda ma jimponux piż sproporzjonat, u jgħinuhom jagħmlu kuntatt mal-manifatturi responsabbli;
42. Jenfasizza li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tal-ħwejjeġ f'xi Stati Membri tal-UE ripetutament ukoll instabu li huma prekarji rigward kwistjonijiet bħas-saħħa u s-sigurtà, il-pagi, is-sigurtà soċjali u l-ħin tax-xogħol; għalhekk, jappella għall-iżvilupp ta' inizjattivi intra-UE effiċjenti u mmirati sew li jtejbju s-sitwazzjoni fis-settur tal-ħwejjeġ u jagħtu spinta lill-impjieġ fl-Istati Membri;
43. Ifakkar li l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet soċjali fi proċessi ta' akkwist pubbliku jista' jkollha effett qawwi fuq id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tul il-ktajjen tal-provvista mondjali; jiddispjaċih, madankollu, li, skont studji tal-ILO<sup>1</sup>, il-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet soċjali jillimitaw ir-responsabbiltajiet għal dawk tal-kuntrattur tal-ewwel grad, filwaqt li d-dispożizzjonijiet dwar is-sottokuntrattar u l-esternalizzazzjoni jiġu inkorporati fil-kuntratti ta' akkwist pubbliku fuq bażi *ad hoc*; jitlob li l-UE tippovdi assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tippermetti li l-politika ta' akkwist pubbliku tkun għodda biex tippromwovi l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol;
44. Jinsab konvint li l-akkwist pubbliku huwa għodda utli għall-promozzjoni ta' industrija tal-ħwejjeġ responsabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istituzzjonijiet Ewropej jaġixxu bħala mudelli eżemplari fir-rigward tal-akkwist pubbliku ta' tessuti użati fl-istituzzjonijiet; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-istituzzjonijiet Ewropej, inkluż lill-Parlament, biex jiżguraw li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku kollha tagħhom, inkluż il-merchandising tal-istituzzjonijiet u tal-gruppi politiċi fil-każ tal-Parlament, jippromwovu r-riċiklaġġ u katina tal-provvista tal-ħwejjeġ li tkun ġusta u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, toħloq gwida għall-awtoritajiet lokali dwar il-kriterji soċjali għax-xiri ta' tessuti b'segwitu għad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku tal-2014 u sabiex timmotivahom isegwuha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-leġiżlazzjoni biex tkompli timplimenta u tippromwovi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, u tippromwovi pjan sabiex il-maġġoranza tal-ħwejjeġ miksuba permezz tal-akkwist pubbliku fl-UE sal-2030 tiġi minn sorsi sostenibbli;
45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

---

<sup>1</sup> Ir-rapport IV tal-ILO, il-105 sessjoni, 2016 (p. 45.)

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-kummerċ globali relatat mal-ħwejjeġ jiswa aktar minn EUR 2,86 triljun u jimpjega aktar minn 75 miljun persuna, tliet kwarti minnhom nisa. Il-katina tal-provvista tas-settur tal-ħwejjeġ hija fost dawk l-aktar f'riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tal-persuni.

Erba' snin wara l-avvenimenti drammatiċi f'Rana Plaza fil-Bangladesh - binja ta' tmien sulari f'Savar, fuq barra ta' Dhaka, fejn kien hemm diversi fabbriki tal-ħwejjeġ, li ġġarrfet u kkawżat il-mewt ta' l fuq minn 1 100 persuna u ħalliet madwar 2 500 persuna midruba - iktar sensibilizzazzjoni ġibdet l-attenzjoni lejn il-kundizzjonijiet li fihom jiġu prodotti ħwejjigña. Barra minn hekk, tnedew bosta inizjattivi minn atturi kemm pubbliċi kif ukoll privati, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili, l-ILO u l-OECD. Madankollu, dawn l-inizjattivi mhumiex armonizzati, xi drabi jinkludu elementi duplikati u ma jkoprox is-settur kollu b'mod komprensiv.

Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha huma determinati sabiex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni, kif ukoll jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-passi li ttieħdu fi ħdan inizjattivi bħalma huma l-Patt tal-Bangladesh u l-Fond tal-G7 "Vision Zero", hemm bżonn ta' aktar azzjoni. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu involuti b'mod attiv u effikaċi sabiex jintemmu l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li għaddejjin tul din il-katina tal-provvista.

Il-kwistjonijiet sottostanti għall-katina tal-provvista tas-settur tal-ħwejjeġ jiddependu fuq tliet dimensjonijiet ewlenin li jridu jiġu indirizzati b'mod konġunt sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tan-nies jiġu garantiti. Barra minn hekk, il-kwistjoni tas-sessi għandha tiġi integrata fl-azzjonijiet kollha, u b'hekk tiġi garantita l-ugwaljanza bejn is-sessi u żgurati b'mod effettiv id-drittijiet tan-nisa.

Waħda minn dawn it-tliet dimensjonijiet hija relatata max-xogħol deċenti u l-istandards soċjali. Ħwejjigña spiss huma prodotti b'mod li altru li ma jirrispettax il-kundizzjonijiet ta' dinjità bażika, hekk kif il-prezzijiet baxxi jkomplu jkunu l-fattur determinanti tal-prattiki tax-xiri min-naħa tal-pubbliku, ta' spiss ukoll b'detriment għall-benesseri tal-ħaddiema. Id-drittijiet tax-xogħol spiss jiġu miksur. It-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu jistgħu joperaw b'mod indipendenti u ħieles biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema, partikolarment fejn għandhom x'jaqsmu s-saħħa u s-sigurtà, filwaqt li jippremettulhom jiżviluppaw b'mod effettiv ir-rwol fundamentali tagħhom bħala sħab sinifikanti fid-djalogu soċjali u l-proċessi tan-negożjar kollettiv.

Pilastru importanti ieħor huwa dak marbut mat-trasparenza u t-traċċabbiltà. Aħna, bħala ċittadini, ma nafu xejn dwar il-kundizzjonijiet li fihom jiġu prodotti ħwejjigña. Hemm bżonn ta' żviluppi importanti fit-tikkettar u s-sensibilizzazzjoni, li jirrikjedu impenji politiċi rapidi u sodi. Għal dan l-għan, aktar progress għandu jkun segwit mill-imperattiv irrevokabbli ta' aktar trasparenza u traċċabbiltà tul il-katina kollha tal-provvista.

Barra minn hekk, l-inizjattivi volontarji eżistenti mhux talli jinkludu b'mod rikorrenti elementi duplikati u jonqsu milli jkopru l-lakuni tal-katina kollha tal-provvista, iżda ma jirnexxilhomx jindirizzaw b'mod effettiv biżżejjed il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jew jissalvagwardjaw l-istandards minimi tal-ħarsien ambjentali u standards soċjali bħas-saħħa u

s-sigurtà, il-pagi, is-sigurtà soċjali jew il-ħin tax-xogħol, u b'hekk sfaċċatament jiċħdu l-aktar standards bażiċi tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem. Konsegwentement, hemm bżonn b'urġenza ta' qafas istituzzjonali legalment vinkolanti.

Il-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp, rifless fl-Artikolu 208 tat-TFUE, jeħtiġilha tiżviluppa proposta leġiżlattiva vinkolanti għall-obbligi vinkolanti tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista fis-settur tal-ħwejjeġ, li tkun allinjata mal-linji gwida tal-OECD u l-oġhla standards maqbula internazzjonalment dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali. Huwa indispensabbli li tiġi enfasizzata l-importanza li jiġu garantiti obbligi mandatorji u vinkolanti, kemm fl-oqsma iktar 'il fuq kif ukoll f'dawk iktar 'l isfel tal-ktajjen tal-provvista: huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-produtturi, l-affiljati tagħhom u s-sussidjarji tagħhom iktar 'l isfel fil-katina tal-attivitajiet, u d-distributori u l-bejjieġha bl-imnut iktar 'il fuq fil-katina tal-attivitajiet għandhom responsabbiltà ndaqg għall-prattiki mhux etiċi fl-industrija tas-settur tal-ħwejjeġ.

Din il-proposta trid tiffoka fuq id-drittijiet tal-bniedem u titfa' l-attenzjoni fuq il-problemi ewlenin li jiffaċċjaw il-ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ (is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, paga li tiggarrantixxi l-ġhajxien, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-fastidju sesswali u l-vjolenza). Għandha tindirizza l-aspetti li ġejjin: kriterji ewlenin għal produzzjoni sostenibbli, trasparenza, traċċabbiltà u mekkaniżmi li jiżguraw skrutinju kemm pubbliku kif ukoll indipendenti tal-prattiki tal-industrija, inkluż il-ġbir ta' data u għodod ta' informazzjoni għall-konsumatur, diliġenza dovuta tal-kontrolli u l-awditjar, aċċess għal rimedju, ugwaljanza bejn is-sessi, rappurtar tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista u sensibilizzazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-ħidma li nbdiet fit-tnejn ta' Trattat vinkolanti tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem hija ferm milqugħa u meħtieġa. Nistennew li tiġi ffinalizzata bl-akbar urġenza u b'kollaborazzjoni sħiħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha, peress li se tikkontribwixxi għat-trażżin fuq livell internazzjonali tal-impunità tal-korporazzjonijiet tranżnazzjonali fil-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

28.02.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar l-inizjattiva ewlenija tal-UE għas-settur tal-ħwejjeġ  
(2016/2140(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sajjad Karim

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-kummerċ globali tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu (RMG) hu stmat li jiswa EUR 2.8 triljun u jimpjega sa 75 miljun ruħ; billi madwar tliet kwarti ta' dawn il-ħaddiema huma nisa; billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija xprun tal-iżvilupp; billi d-drittijiet tan-nisa jaqgħu taħt l-ispettru tad-drittijiet tal-bniedem; billi n-natura kumplessa tal-katini tal-provvista tal-ħwejjeġ twassal għal livelli baxxi ta' trasparenza u żżid ir-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ta' sfruttament; billi l-pagi mħallsa mhumiex biżżejjed biex jippermettu lill-ħaddiema biex jipprovdu lill-familji tagħhom bin-neċessitajiet bażiċi tal-bniedem;
- B. billi l-UE hija attur ewlieni bħala investitur, xerrej, bejjiegħ u konsumatur fl-industrija tal-ħwejjeġ u l-kummerċ, u għalhekk hija l-aktar adattata biex tiġbor flimkien inizjattivi multipli madwar id-dinja biex ittejjeb sostanzjalment is-sitwazzjoni infraumana imġarrba minn għexieren ta' miljuni ta' ħaddiema f'dan is-settur u toħloq kundizzjonijiet ekwi għal dawk kollha involuti;
- C. billi, fuq livell Ewropew, l-industrija tat-tessuti u tal-ħwejjeġ tinkludi madwar 185 000 negozju, li jimpjegaw 1.7 miljun ruħ, u tiġġenera fatturat ta' EUR 166 biljun; billi l-UE timporta madwar nofs it-total dinji tal-produzzjoni tal-ħwejjeġ; billi l-pajjiżi ta' manifatturi huma l-aktar ekonomiji emerġenti;
- D. billi l-Artikoli 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

jipprevedi li l-politika kummerċjali tal-UE trid tkun ibbażata fuq il-prinċipji u l-oġġettivi tal-politika esterna tal-UE; billi l-Artikolu 208 tat-TFUE jstabbilixxi l-prinċipju ta' koerenza politika għall-iżvilupp u jstabbilixxi l-eradikazzjoni tal-faqar bħala l-oġġettiv ewlieni; billi l-Komunikazzjoni "Kummerċ għal kulħadd" tibbaża l-politika kummerċjali tal-UE fuq tliet prinċipji ewlenin – l-effettività, it-trasparenza u l-valuri – u għandha taqsima dedikata għall-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' provvista;

- E. billi huwa stabbilit sew fl-Artikolu 8 tat-TFUE li "Fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa", u billi l-UE għalhekk għandha d-dmir li tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tagħha, li jiġi żgurat li l-irġiel u n-nisa jibbenefikaw b'mod indaqs mill-bidliet soċjali, mit-tkabbir ekonomiku u mill-ħolqien ta' impjiegi deċenti, filwaqt li titneħħa d-diskriminazzjoni u jitħeġġeġ ir-rispett tad-drittijiet tan-nisa fid-dinja;
- F. billi 289 ruħ mietu f'Karachi, fil-Pakistan, f'Settembru 2012; billi, fl-istess sena, nirien fil-fabbrika tat-Tazreen Fashions fil-Bangladesh, ikkaġunaw il-mewt ta' 117-il persuna u darbu aktar minn 200 ħaddiem; billi t-tiġrif tal-bini fir-Rana Plaza fl-2013 irriżulta f'1129 vittma u kkawża danni lil madwar 2500 persuna;
- G. billi, wara dawn l-avvenimenti drammatiċi, id-domanda tal-konsumaturi Ewropej għal aktar trasparenza u traċċabbiltà tul il-katina tal-provvista kollha żdiedet b'mod qawwi;
- H. billi, minkejja d-diversi impenji magħmula mill-UE, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, mill-gvernijiet lokali u mill-operaturi privati, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi fornituri komplew jonqsu sew milli jirrispettaw l-istandards internazzjonali;
- I. billi l-Aġenda dwar Xogħol Deċenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) saret, mill-2015, parti integrali tal-Aġenda 2030 l-ġdida għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- J. billi ħafna Stati Membri, bħall-Ġermanja, in-Netherlands, id-Danimarka u Franza, ippromovew programmi nazzjonali;
- K. billi l-ftehimiet kollha ta' kummerċ ħieles konklużi mill-UE jridu jinkludu kapitolu ambizzjuż dwar l-iżvilupp sostenibbli;
- L. billi l-UE trid tinkludi fost il-prijoritajiet tagħha l-promozzjoni ta' standards soċjali u ambjentali taħt il-patroċinju ta' korpi multilaterali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-G20, kif ukoll fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi;
- M. billi l-Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar id-Drittijiet tan-Negozju u tal-Bniedem iddefinixxew b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-gvernijiet u l-impriżi, li huma taħt obbligu li jipproteġu u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem irrispettivament mill-punt fil-katina ta' provvista, il-pajjiż fejn isseħħ il-produzzjoni, u ta' jekk huwiex il-pajjiż tal-kumpanija li tagħmel l-ordni jew tal-fornitur; billi l-UE impenjat ruħha li tħeġġeġ l-adozzjoni tal-Prinċipji ta' Gwida u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħhom;
- 1. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx l-inizjattiva ewlenija ambizzjuża madwar l-UE kollha dwar is-settur tal-ħwejjeġ, li għandha tkun iggwidata, u allinjata mal-linji gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD),

sabiex in-negozji jkunu jistgħu jsegwu sett uniformi ta' standards dwar id-diliġenza debita u r-responsabbiltà soċjali u jistieden lill-Kummissjoni biex tnedi inizjattiva bħal din kemm jista' jkun malajr; jinnota, barra minn hekk, li l-multiplikazzjoni preżenti ta' inizjattivi eżistenti fil-livell lokali, reġjonali u globali tista' tirriżulta f'ambjent imprevedibbli għall-kumpaniji; jenfasizza, barra minn hekk, li l-koordinazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prassi, jikkontribwixxu biex tiżdied l-effiċjenza tal-inizjattivi privati u pubbliċi tal-katina tal-valur u jiksbu riżultati pożittivi fuq l-iżvilupp sostenibbli;

2. Jemmen li l-proposta għandha tippermetti kooperazzjoni armonjuża ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-NU, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-ILO u l-OECD, li tistabbilixxi definizzjonijiet komuni biex ikunu jistgħu jseħħu azzjonijiet u evalwazzjonijiet ikkoordinati aħjar u aktar ċari; jitlob ir-rikonoxximent u l-valorizzazzjoni ta' inizjattivi eżistenti ta' suċċess, pereżempju, permezz ta' akkwist pubbliku sostenibbli, li jorbot l-aċċess għall-akkwist pubbliku mal-konformità ma' skemi ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; japprezza, f'dan ir-rigward, il-"Patt għal Titjib Kontinwu fir-rigward tad-Drittijiet tax-Xogħol u s-Sikurezza tal-Fabbriki fl-Industrija tal-Ilbies Lest u tal-Maljerija fil-Bangladesh" (il-Patt tas-Sostenibbiltà) bħala pass 'il quddiem fir-rigward tal-monitoraġġ, iżda jistieden lill-atturi involuti biex ikunu konformi bis-siġħ; jinsisti li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet indikati mir-rapporti ta' evalwazzjoni;
3. Jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li titfassal lista ta' miżuri eżistenti ta' responsabbiltà soċjali korporattiva li qed jiġu implimentati min-negozji Ewropej, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati prattiki tajba b'mod aktar effettiv u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' qafas ta' azzjoni komuni fil-livell Ewropew; ifakkar, f'dan ir-rigward, li s-settur privat nieda wkoll bosta inizjattivi biex jiżdied il-livell ta' responsabbiltà murija fi ħdan il-katina ta' provvista;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu kont tal-ħtiġijiet speċjali tal-SMEs, li jiffurmaw 90 % tal-industrija Ewropea tal-ħwejjeġ, filwaqt li tibbaża l-approċċ tagħha fuq il-prinċipju tal-iskalabbiltà u tagħti importanza partikolari lill-kapaċità tagħhom li jipprovdu t-traċċabbiltà u t-trasparenza f'konformità mal-gwida tal-OECD, b'tali mod li l-SMEs ma jkunux soġġetti għal piżijiet sproporzjonati; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tistabbilixxi helpdesk speċifiku għall-SMEs u biex tappoġġahom bi programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet imfassla apposta; iqis li l-SMEs u l-mikrointrapriżi Ewropej li huma involuti fit-twaqqif tal-inizjattiva għandhom jirċievu wkoll appoġġ finanzjarju Ewropew permezz tal-programm COSME;
5. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ integrat dwar it-trasparenza u t-traċċabbiltà dwar il-ġbir ta' data dwar id-drittijiet tal-bniedem, soċjali, ambjentali u tax-xogħol, biex jiġi applikat fil-katina sħiħa tal-provvista b'metodoloġija standardizzata biex jitkejjel l-impatt ta' katini ta' valur tal-ħwejjeġ fuq l-iżvilupp sostenibbli sabiex tiżdied il-koerenza tal-istima tar-responsabbiltà soċjali korporattiva, li għandha tiegħu kont tad-diversità ta' parteċipanti minħabba l-kumplessità tal-katina; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tmur lil hinn mill-preżentazzjoni ta' dokument ta' ħidma tal-persunal; jirrimarka li, flimkien mal-Gwida tal-OECD, l-oqsma ewlenin milquta huma koperti minn inizjattivi oħra, bħal pereżempju l-Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar id-Drittijiet tan-Negozju u tal-Bniedem, il-liġi Franċiża dwar id-diliġenza debita obligatorja, l-abbozz tar-Renju Unit kontra l-iskjavitù, kif ukoll

xi inizjattivi mmexxija mill-industrija li jistgħu jservu bħala bażi għal tali inizjattiva;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lill-aspetti ta' aċċess għall-ġustizzja, rimedju għall-vittmi u għall-familji tagħhom u l-protezzjoni tal-informaturi f'din il-komunikazzjoni;
7. Ifakkar li t-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-katina tal-provvista jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-bidla kostanti u jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni huwa kruċjali fil-prevenzjoni tal-pubbliku milli jsir konxju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; itenni, għalhekk, il-ħtieġa għal skemi ta' diliġenza debita li jkopru l-katina tal-provvista kollha, li jorbtu kull prodott mal-produtturi rispettivi tiegħu; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-katina tal-provvista fl-industrija tal-ħwejjeġ b'mod realistiku u bilanċjat, li jista' jseħħ waqt li tiegħu kont tad-diversità tal-atturi fil-katina; jirrakkomanda li informazzjoni affidabbli, ċara u sinifikanti dwar is-sostenibilità tkun disponibbli għall-konsumaturi;
8. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-reviżjoni li jmiss dwar ir-Regolament tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP), tintroduċi preferenzi tariffarji għal tessuti li ntwerew li kienu prodotti b'mod sostenibbli; iqis li l-oġġetti għandhom jiġu ppreżentati fuq bażi volontarja għaċ-ċertifikazzjoni ta' tip ta' produzzjoni sostenibbli tagħhom u li l-prova tagħhom għandha tiġi prodotta fuq l-importazzjoni fl-UE; jemmen li b'dan il-mod, l-UE tista' tappoġġja l-isforzi tal-industrija privata biex tagħmel il-katina tal-valur ta' tessuti sostenibbli; iqis li dan ir-rikonoxximent għandu jingħata skont kriterji ta' sostenibbiltà u rekwiżiti minimi stabbiliti f'dak li għandu x'jaqsam ma' evidenza jew sistemi ta' ċertifikazzjoni; iqis li r-rekwiżiti tas-sostenibilità għandhom ikunu bbażati, *inter alia*, fuq konvenzjonijiet internazzjonali, pereżempju, l-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO jew il-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità; jemmen, barra minn hekk, li b'dan il-mod, il-produzzjoni ta' prodotti tal-kummerċ ġust (bħal dawk iċċertifikati minn Social Accountability International (SAI) jew taħt il-Fairtrade Textile Standard) tkun imsaħħa u promossa;
9. Jenfasizza li n-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE li jinkludu kapitolu ambizzjuż dwar l-iżvilupp sostenibbli jirrappreżenta opportunità għall-UE biex tgħin biex ittejjeb ir-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema – b'mod partikolari n-nisa – u jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-forom kollha ta' tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles tiffaċilita, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' dialogu bejn in-negozji u s-soċjetà ċivili fir-rigward tal-katina tal-provvista fl-industrija tal-ħwejjeġ, u b'hekk tista' tgħin biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u s-sigurtà tal-ħaddiema;
10. Ifakkar li t-twaqqif ta' skemi bħall-Arranġament ta' Inċentiv Speċjali għal Żvilupp Sostenibbli u Governanza Tajba (GSP+) tal-UE, permezz tar-rekwiżit tar-ratifika u l-implimentazzjoni tas-27 konvenzjoni, jistgħu jgħinu biex tittejjeb is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat; jenfasizza, b'kont tenut ta' dan, il-ħtieġa li jitwettaq monitoraġġ bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-GSP+ u r-rispett għall-konvenzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati;
11. Jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Istati Membri biex jippromwovu, permezz tal-inizjattiva dwar il-ħwejjeġ u strumenti oħra tal-politika kummerċjali, l-implimentazzjoni effettiva tal-



istandards tal-ILO dwar il-pagi u l-ħinijiet tax-xogħol, ukoll ma' pajjiżi sħab fis-settur tal-  
ħwejjeġ; jistieden lill-UE, barra minn hekk, biex tippovdi gwida u appoġġ dwar kif tista'  
tittejjeb l-osservanza ta' dawn l-istandards filwaqt illi tgħin fil-binja ta' intrapriżi  
sostenibbli u jittejbu l-prospetti ta' impjiegi sostenibbli;

12. Jenfasizza li l-Patt tas-Sostenibbiltà mniedi wara d-diżastru ta' Rana Plaza hija inizzjattiva  
Ewropea utli, li tista' sservi bħala bażi għall-ippjanar ta' miżuri ġodda bi sħubija ma'  
pajjiżi terzi sabiex isegwu l-għanijiet ta' titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-saħħa u  
s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fl-industrija tal-ħwejjeġ;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli u tintensifika l-kooperazzjoni internazzjonali tagħha  
ma' organizzazzjonijiet bħall-ILO, l-OECD u n-Nazzjonijiet Uniti sabiex tippromwovi  
responsabbiltà akbar min-naħa ta' atturi fil-katina tal-forniment tal-industrija tat-tessuti u  
tal-ħwejjeġ;
14. Jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi fornituri jimpenjaw ruħhom mal-partijiet interessati  
kollha biex jiżviluppaw ir-relazzjonijiet industrijali u n-negożjar kollettiv u sabiex  
jimpenjaw lill-produtturi biex jistabilixxu mekkaniżmi għall-ilmenti effettivi u  
aċċessibbli faċilment, li, skont standards miftiehma internazzjonalment, huma fost il-  
garanziji prinċipali għar-rispett xieraq tal-istandards tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem u  
jikkumplimentaw mezzi ta' rimedji ġuridiċi skont il-qafas żviluppat mir-Rappreżentant  
Speċjali tan-NU dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-  
konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-Aġenda dwar Xogħol Deċenti tal-ILO; jistieden  
lill-Kummissjoni, għal dan il-għan, tappoġġa l-ILO, lill-gvernijiet lokali u lill-  
organizzazzjonijiet tal-ħaddiema li jipprovdu l-għajnuna għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet fir-  
relazzjonijiet industrijali, kif ukoll fl-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u l-liġijiet tax-  
xogħol, b'attenzjoni speċjali għall-eradikazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat,  
kif ukoll il-promozzjoni tal-ogħla standards ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza;
16. Jinkoraġġixxi lill-UE tiżviluppa u tmexxi djalogu ma' ċerti pajjiżi terzi sabiex tgħin fit-  
titjib tad-drittijiet tal-ħaddiema u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk il-pajjiżi;  
jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġaw il-ħidma tan-NU, inkluż il-Programm tan-  
Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), billi jesploraw il-possibiltà ta' trattat  
internazzjonali li jtejjeb ukoll l-effettività tar-responsabbiltà soċjali korporattiva fis-settur  
tal-ħwejjeġ;
17. Jittama li l-proposta tal-Kummissjoni tkun ispirata mill-inizzjattiva tal-"Patt tas-  
Sostenibbiltà" immedija fil-Bangladesh wara t-tiġrif tar-Rana Plaza;
18. Jitlob kjarifika dwar kif ħwejjeġ prodotti f'Żoni tal-Ipproċessar għall-Esportazzjoni, bi  
protezzjoni tal-ħaddiema baxxa jew ineżistenti, jistgħu jiġu identifikati b'mod ġenerali u  
esklużi mill-iskema GSP+ f'pajjiżi benefiċjarju partikolari;
19. Huwa konvint li l-akkwist pubbliku huwa għodda utli għall-promozzjoni ta' industrija tal-  
ħwejjeġ responsabbli;
20. Jirrimarka li l-forza tax-xogħol tal-industrija globali tal-ħwejjeġ hija fil-parti l-kbira  
femminili – madwar 85 % tal-ħaddiema impjegati f'dan is-settur huma nisa, li ta' spiss

iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet diffiċli ta' xogħol u salarji baxxi; jitlob, għalhekk, biex l-aspett tal-ġeneru jiġi integrat fl-inizjattiva tal-ħwejjeġ tal-UE, b'mod partikolari sabiex jippermetti li jsir progress sinifikanti fir-rigward tal-ugwaljanza fil-pagi, fl-ugwaljanza bejn is-sessi, fid-drittijiet soċjali u tax-xogħol tan-nisa, inkluż il-ħarsien tal-maternità, u l-parteciġazzjoni tan-nisa fin-negożjar kollettiv;

21. Itenni t-talba tiegħu għal valutazzjonijiet tal-impatt sostenibbli li għandhom jitwettqu għal kull ftehim innegożjat mill-ġdid u jitlob għall-ġbir tad-data diżaggregata skont il-ġeneru;
22. Jistieden lill-Kummissjoni tikkomunika ma' kumpaniji multinazzjonali, mal-bejjieġha bl-imnut u mad-ditti u biex thegħiġhom jimpenjaw ruħhom favur ir-responsabbiltà soċjali korporattiva mtejba; jistenna li l-kumpaniji tal-UE jiggarantixxu l-konformità sħiħa mal-istandards tax-xogħol ċentrali tal-ILO tul il-katini tal-provvista tagħhom, f'konformità mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali; jinsisti li jinvolvu ruħhom fi djalogi li jagħtu r-riżultati mal-ħaddiema lokali u l-organizzazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tiffavorixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki;
23. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi globali għall-protezzjoni tal-ħaddiema kontra d-dumping ambjentali u soċjali; għandu fiduċja fil-kapaċità tal-UE, b'kunsiderazzjoni tal-massa kritika tagħha, li tkun protagonista dinjija u biex tixpruna l-bidla; jemmen li huwa biss qafas multilaterali li jista' jipprevjeni l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tal-ħaddiema; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, timpenja ruħha ma' sħab internazzjonali fil-laqgħa ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li jmiss biex tniedi inizjattiva globali.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI  
OPINJONI**

|   |   |
|---|---|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 28.2.2017   |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +: 32<br>-: 0<br>0: 3   |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Laima Liucija Andrikiënè, Maria Arena, Tiziana Beghin, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Karoline Graswander-Hainz, Heidi Hautala, Bernd Lange, David Martin, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Artis Pabriks, Franck Proust, Tokia Saïfi, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, Hannu Takkula, Iuliu Winkler |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Reimer Böge, Klaus Buchner, Sergio Gutiérrez Prieto, Sander Loones, Georg Mayer, Fernando Ruas, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Pedro Silva Pereira  |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin   |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

| 32        | +  |
|-----------|--|
| ALDE      | Marietje Schaake, Hannu Takkula  |
| ECR       | David Campbell Bannerman, Sander Loones, Emma McClarkin, Joachim Starbatty   |
| EFDD      | Tiziana Beghin   |
| GUE/NGL   | Anne-Marie Mineur, Helmut Scholz   |
| PPE       | Laima Liucija Andrikienė, Reimer Böge, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Artis Pabriks, Franck Proust, Fernando Ruas, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Tokia Saïfi, Adam Szejnfeld, Iuliu Winkler |
| S&D       | Maria Arena, Karoline Graswander-Hainz, Sergio Gutiérrez Prieto, Bernd Lange, David Martin, Emmanuel Maurel, Sorin Moisă, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira  |
| Verts/ALE | Klaus Buchner, Heidi Hautala   |

| 0  | -  |
|----|----|
| -- | -- |

| 3   | 0  |
|-----|--|
| ENF | Jean-François Jalkh, Georg Mayer, Joëlle Mélin |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

10.2.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar l-inizjattiva ewlenija tal-UE għas-settur tal-ħwejjeġ  
(2016/2140(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean Lambert

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi 60 miljun ruħ madwar id-dinja jaħdmu fis-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li joħloq ħafna impjiegi, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- B. billi din l-industrija hija partikolarment marbuta mill-qrib fuq livell internazzjonali, u billi l-ktajjen tal-provvista għalhekk huma partikolarment kumplessi u, b'riżultat, l-inizjattivi nazzjonali iżolati malajr jilhqqu l-limiti tagħhom;
- C. billi l-manifatturi tat-tessuti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw huma kontinwament esposti għal Prattiki ta' xiri aggressivi min-negozji bl-ingrossa u bl-imnut, li huwa dovut ukoll għall-kompetizzjoni globali ħarxa;
- D. billi l-kamp ta' applikazzjoni għal influwenza intraprenditorjali huwa limitat, b'mod partikolari fit-tweqqif tal-kompiti ta' stati sovrani, iżda l-gvernijiet tal-pajjiżi podutturi għandhom għalhekk joħolqu l-kundizzjonijiet ta' qafas ekonomiċi u legali sabiex iwettqu l-funzjonijiet ta' kontroll tagħhom;
- E. billi t-trattati internazzjonali huma parti essenzjali mill-ġlieda kontra l-abbużi tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali fil-pajjiżi terzi, u billi l-kumpaniji huma meħtieġa jibbażaw l-attivitajiet intraprenditorjali tagħhom fuq dawn il-prinċipji;
1. Jinnota li l-industrija tal-ħwejjeġ hija waħda mill-aktar prekarji, sikwit b'kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati għall-ħaddiema kemm fl-Ewropa kif ukoll barra l-Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza; jistieden lill-inizjattiva ewlenija tqiegħed fiċ-ċentru tagħha r-ratifika u l-implimentazzjoni mill-pajjiżi parteċipanti tal-konvenzjonijiet tal-ILO, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali u l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti; jenfasizza l-importanza li ssir enfasi fuq dawk l-aktar vulnerabbli u esposti għall-

isfruttament, speċjalment in-nisa u t-tfal;

2. Jikkundanna l-każijiet kollha ta' tħaddim tat-tfal, u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħmlu dak kollu li hu fis-setgħa tagħhom biex jeliminaw kompletament l-importazzjoni fis-suq uniku Ewropew ta' ħwejjeġ li jkunu magħmula mit-tħaddim tat-tfal; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' reġistri ta' fornituri responsabbli; jikkundanna u jiġbed l-attenzjoni għall-prattiki abbużivi ta' xi sottokuntratturi li japplikaw standards tax-xogħol inferjuri u illegali; iqis li huwa vitali li l-pajjiżi parteċipanti jiggarrantixxu r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni 182 tal-ILO dwar l-aġar forum ta' tħaddim tat-tfal u l-konvenzjoni 138 tal-ILO dwar l-età minima għall-ammissjoni għall-impjeg u x-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni titgħallem mill-esperjenza tal-Programm Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tat-Tħaddim tat-Tfal (IPEC) u l-Alleanza Globali għall-Eliminazzjoni tax-Xogħol Furzat, l-Iskjavitù Moderna, it-Traffikar tal-Bnedmin u t-Tħaddim tat-Tfal;
3. Jinnota li l-industrija tal-ħwejjeġ toħloq impjegi għal firxa wiesgħa ta' ħiliet partikolari, minn ħaddiema b'ħiliet baxxi sa rwoli speċjalizzati ħafna;
4. Iqis li l-inizjattivi volontarji biex jiġi adottat approċċ ekoloġiku, etiku u sostenibbli jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-settur tat-tessuti; jinnota madankollu li, waħedhom, ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat id-drittijiet tax-xogħol fundamentali, inklużi l-protezzjoni tal-ħaddiema, il-libertà ta' assoċjazzjoni, in-negożjar kollettiv u kwistjonijiet bħat-tħaddim tat-tfal, is-saħħa u s-sikurezza, il-pagi li jiggarrantixxu l-għajxien, is-sigurtà soċjali u l-ħin tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li jiddaħħlu fis-seħħ u jiġu infurzati miżuri regolatorji mill-pajjiżi kkonċernati, bl-għan li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tax-xogħol fil-katina kollha tal-provvista, u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-amministrazzjonijiet tax-xogħol u s-sistemi ta' spezzjoni tax-xogħol u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi għall-ilmenti; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali jkunu konformi mal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO;
5. Jinnota li l-prezz għadu fattur determinanti fil-prattiki ta' xiri ta' ditti u bejjieġha bl-imnut, spiss għad-detriment tal-benesseri u l-pagi tal-ħaddiema; jitlob lill-UE taħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tippromwovi sħubija soċjali li tirnexxi u biex tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' stabbiliment tal-pagi skont il-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO, speċjalment f'pajjiżi fejn hemm nuqqas ta' leġislazzjoni adegwata; jenfasizza l-ħtieġa li l-ħaddiema jiġu ggarantiti l-ħlas regolari ta' paga adegwata li tippermettilhom u lill-familji tagħhom jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom mingħajr ma jkollhom jaħdmu ħinijiet żejda b'mod regolari; jenfasizza l-ħtieġa ta' ftehimiet ta' negożjar kollettiv li jipprevjenu kompetizzjoni negattiva rigward l-ispiża tal-pagi, u l-ħtieġa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-konsegwenzi potenzjali ta' domanda għal prezzijiet dejjem aktar baxxi;
6. Jenfasizza li l-gvernijiet tal-pajjiżi produttori jridu jkunu kapaċi jimplimentaw standards internazzjonali u leġislazzjoni rilevanti, minħabba li huma sħab meħtieġa fid-djalogu soċjali u fl-isforzi għat-titjib li għandu jinkiseb mill-inizjattiva ewlenija;
7. Jinkoraġġixxi lill-inizjattiva tal-UE dwar is-settur tal-ħwejjeġ biex tippromwovi t-taħriġ fil-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, inkluż it-taħriġ intraprenditorjali, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali; jinkoraġġixxi lill-inizjattivi kollha biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet tax-xogħol ewlenin u l-mekkaniżmi ta' assistenza legali

għal meta dawk id-drittijiet jinkisru, u biex jinkludu t-taħriġ tal-ħaddiema u ta' min iħaddem dwar id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv; jissottolinja li l-inizjattiva għandha tikkontribwixxi għall-emanċipazzjoni tan-nisa, peress li n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-forza tax-xogħol tas-settur tal-ħwejjeġ, iżda li madankollu huma sottorappreżentati f'karigi b'ħiliet oġhla u f'karigi manijerjali; iqis għalhekk li l-inizjattiva għandha tippromwovi attivament in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi, anke f'termini ta' remunerazzjoni, kif ukoll it-tiżiħ tar-rwol tan-nisa fis-soċjetajiet ta' pajjiżi terzi, li jkun ta' benefiċċju għall-familja u s-soċjetà usa';

8. Iqis li l-Kummissjoni diġà ħadet xi passi fid-direzzjoni t-tajba f'termini tal-oġettivi proposti tagħha għall-inizjattiva ewlenija, inklużi s-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi u l-appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tax-xogħol u tal-ambjent; jiddispijaċih, madankollu, li l-oġettivi u l-approċċ attwali tal-Kummissjoni, kif deskritti fir-rapport tiegħu dwar il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Ġestjoni Responsabbli tal-Katina tal-Provvista fis-Settur tal-ħwejjeġ tal-25 ta' April 2016, la huma mmirati u lanqas ma huma ambizzjużi biżżejjed biex is-settur tal-ħwejjeġ jittejjeb b'mod konkret; jinnota li r-riżultati preliminari ta' studju tal-Kummissjoni dwar il-ktajjen tal-provvista tal-ħwejjeġ identifkaw l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-ħaddiema, l-ambjent u t-trasparenza tal-katina tal-provvista bħala d-diskrepanzi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika b'urġenza r-rapport li kkummissjonat li jidentifika diskrepanzi fil-politika attwali u tippreżenta proposti speċifiċi biex jiġu indirizzati dawn id-diskrepanzi;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, l-inizjattiva ewlenija tal-UE dwar il-ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista fis-settur tal-ħwejjeġ, li ġiet imwiegħda bħala parti mis-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015, li għandha tqis l-inizjattivi nazzjonali eżistenti bħal dawk fil-Ġermanja u fin-Netherlands; jemmen li l-UE għandha l-kapaċità u d-dmir li tkun sostenitriċi globali tar-responsabbiltà tal-katina tal-provvista b'rispons għal ġrajjiet traġiċi bħall-kollass tar-Rana Plaza fil-Bangladesh, u fid-dawl tal-interess bla preċedent taċ-ċittadini tal-UE;
10. Jemmen li kwalunkwe azzjoni li tirriżulta mill-inizjattiva ewlenija għandha tgħin fit-trawwim ta' inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati bħall-Programm ta' Ħidma Aħjar tal-ILO/IFC, li jgħaqqad approċċ tripartitiku mal-konformità tal-fabbriki u l-ħolqien ta' djalogu bejn il-ħaddiema u l-manijment fil-livell nazzjonali, jew ACCORD, li nħoloq fil-Bangladesh, li jkun legalment vinkolanti, jinkludi lit-trade unions u jipprevedi mhux biss l-ispezzjonijiet tal-fabbriki iżda anke r-rimedju;
11. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rapport li jidentifika l-inizjattivi attwali u l-kontribut tagħhom għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fis-settur tal-ħwejjeġ;
12. Jirrimarka li l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u l-federazzjonijiet ta' min iħaddem huma sħab meħtieġa fid-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv u għandhom jiġu promossi; jenfasizza li organizzazzjonijiet indipendenti ta' rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom ikunu jistgħu joperaw b'mod indipendenti u liberu biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom aċċess għall-fabbriki biex jedukaw il-ħaddiema dwar id-drittijiet u s-sikurezza tagħhom; jirrimarka li l-azzjonijiet li jirriżultaw minn kwalunkwe

inizjattiva dwar is-settur tal-ħwejjeġ għandhom jippromovu d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u jippromwovu r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tal-ILO, b'mod partikolari l-konvenzjonijiet 87 u 98, u li r-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jiġu inklużi fil-proċess ta' diliġenza dovuta stabbilit fil-livell tal-kumpaniji;

13. Jemmen li l-konformità mal-liġi applikabbli u mal-ftehimiet kollettivi tax-xogħol hija sine qua non tar-responsabbiltà soċjali korporattiva; jemmen ukoll li l-imġiba soċjalment responsabbli trid tissarraf assolutament f'relazzjonijiet xierqa mat-trade unions, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tat-trade unions u fluss kontinwu ta' informazzjoni lill-ħaddiema u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;
14. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa tat-tiżiħ tal-bini ta' kapaċità tal-istrutturi tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi produttori, li għandhom ikunu promossi b'mod konsistenti u meħtieġa fil-qafas tal-iżvilupp Ewropew u l-politika barranija;
15. Jemmen li l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza għall-ħaddiema kollha għandha tiġi żgurata permezz tal-istandards internazzjonali, l-implimentazzjoni tal-liġi nazzjonali u n-negozjar kollettiv fil-livelli kollha (fabbriki, lokali, nazzjonali u internazzjonali), u permezz ta' politiki tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-livell tal-fabbriki bħal pjanijiet ta' azzjoni mfasla bil-miktub, implimentati u mmonitorjati bl-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom;
16. Jemmen li kwalunkwe inizjattiva tal-UE dwar is-settur tal-ħwejjeġ għandha tirrikonoxxi li l-UE hija livell xieraq għall-appoġġ u l-iżvilupp ulterjuri tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Kumpaniji Multinazzjonali, skont liema l-intrapriżi huma responsabbli fil-katina tal-provvista tagħhom; jinnota li l-intrapriżi għandhom jiżviluppaw proċeduri li jippermettulhom jidentifikaw u jimmitigaw l-impatt tal-attivitajiet intraprenditorjali tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; jipproponi li l-istandards jiġu adattati għall-ispeċifitàjiet tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs);
17. Jirrikonoxxi l-isforzi eżistenti dwar il-ġestjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza, il-liġi tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala fundamentali għat-titjib tad-drittijiet tal-ħaddiema, u jitlob li l-inizjattiva ewlenija tiżviluppa pjattaforma ddedikata għall-kondiviżjoni tal-aħjar prassi dwar it-taħriġ tal-ħaddiema u l-maniġment, b'enfasi partikolari fuq il-karigi ta' maniġment intermedju;
18. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards u konvenzjonijiet internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinkludi r-ratifika ta' standards ewlenin tal-ILO, l-ispezzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza u l-libertà ta' assoċjazzjoni f'diskussjonijiet dwar il-kontinwazzjoni tal-kummerċ preferenzjali ma' pajjiżi marbuta mal-katina tal-provvista globali għas-settur tal-ħwejjeġ, u ssaħħaħ id-drittijiet tal-bniedem u l-konvenzjonijiet tax-xogħol u tal-ambjent skont is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati; iqis li l-UE għandha tinkludi dispożizzjonijiet fil-ftehimiet kummerċjali tagħha biex ittejjeb il-ħajja tal-ħaddiema u jenfasizza li klawżola li tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tal-ILO u l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti trid tiġi inkluża fi ftehimiet kummerċjali kemm bilaterali kif ukoll multilaterali;
19. Jenfasizza l-importanza ta' spezzjonijiet tax-xogħol indipendenti fit-twissija bikrija u l-



prevenzjoni, kif ukoll fl-infurzar tar-regoli u r-regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, iżda jinnota li fatturi bħall-għeja fl-awditjar jistgħu jikkompromettu l-effikaċja tagħhom u li l-awditi jirriflettu biss is-sitwazzjoni fiż-żmien li jkunu qed isiru; jemmen li r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni 81 tal-ILO huma importanti biex jiġi identifikat l-abbuż; jirakkomanda li ssir aktar riċerka dwar modi kif jittejjbu l-awditjar u l-ispezzjonijiet, bħal pereżempju l-konverġenza tal-istandards u l-metodi tal-awditjar u li jintbagħtu spetturi tax-xogħol differenti kull darba, li jistgħu jwasslu għal standards iktar stretti, speċjalment f'pajjiżi bi problemi ta' korruzzjoni; jinnota l-importanza ta' reklutaġġ adegwat ta' spetturi tax-xogħol u ta' taħriġ kontinwu għal spetturi ġodda u eżistenti dwar konvenzjonijiet u standards internazzjonali, il-liġijiet tax-xogħol lokali u t-tekniki ta' spezzjoni xierqa; jitlob lill-UE tkompli tappoġġja, kemm finanzjarjament kif ukoll teknikament, l-iżvilupp ta' spettorati tax-xogħol fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-istandards rilevanti tal-ILO, b'mod partikolari fil-kuntest tal-fondi tal-iżvilupp tagħha;

20. Jinnota li, mindu żviluppa l-awditjar soċjali fil-katina tal-provvista tal-ħwejjeġ u taż-żraben aktar minn 20 sena ilu, l-għadd ta' standards u metodi ta' awditjar soċjali żdiedu b'mod drammatiku, uħud b'differenzi żgħar biss, u li, billi d-ditti u l-bejjieġha bl-immnut qed japplikaw l-istandards tagħhom stess li huma biss kemxejn differenti, il-manifatturi qed jallokaw riżorsi siewja biex iġestixxu proċess regolari ta' awditjar; jirakkomanda, għalhekk, l-aċċellerazzjoni u l-appoġġ tal-isforzi eżistenti tal-industrija, biex jikkonverġu l-istandards u l-metodi tal-awditjar f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
21. Jemmen li r-responsabbiltà għandha tkun mifruxa tul il-katina tal-provvista kollha, inklużi s-sottokuntratturi kollha, u jfaħħar l-isforzi eżistenti għal dan l-għan; jemmen, madankollu, li l-UE tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tiżviluppa qafas komuni li joħloq obbligu legali ta' diliġenza dovuta korporattiva tad-drittijiet tal-bniedem għall-kumpaniji tal-ħwejjeġ tal-UE li jesternalizzaw il-produzzjoni lil pajjiżi terzi, inklużi miżuri vinkolanti għall-iżgurar tat-traċċabbiltà u t-trasparenza, li jobbligaw lill-kumpaniji li jixtiequ joperaw fis-suq Ewropew biex jipprovdu informazzjoni dwar il-katina tal-provvista kollha tal-prodotti tagħhom; jirakkomanda li r-regolamenti, żviluppanti bl-involvement tal-unions lokali u globali, għandhom ikunu addizzjonali u b'appoġġ għal inizjattivi volontarji fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali;
22. Ifakkar li t-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-katina tal-provvista huma fundamentali biex tinkiseb bidla sostnuta; jemmen li nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni dwar is-settur tal-ħwejjeġ minn produttori ta' pajjiżi terzi spiss huwa l-aktar ostaklu importanti fl-indirizzar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u tax-xogħol fil-katina tal-provvista globali u li tinħtieġ sistema ta' rapportar li tipprovdi informazzjoni li torbot l-atturi kollha fil-katina tal-provvista ta' prodott wieħed, mill-post tal-produzzjoni sal-bejjieġha bl-immnut; jitlob lill-UE tappoġġja l-iżvilupp ta' qafas komuni għall-ġbir ta' data dwar il-prestazzjoni soċjali, ambjentali u tax-xogħol;
23. Jemmen li l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi għandu rwol fundamentali fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, ħtieġa enfasizzata mit-tiġrif tar-Rana Plaza; jitlob li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni ċara u affidabbli dwar is-sostenibbiltà fis-settur tal-ħwejjeġ, minn fejn joriġinaw il-prodotti u sa liema punt ġew irrispettati d-drittijiet tal-ħaddiema; jirakkomanda li l-informazzjoni miġbura b'riżultat tal-azzjoni tal-UE għandha tkun pubblikament disponibbli, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw

it-twaqqif ta' bażi ta' data online pubblika tal-informazzjoni rilevanti kollha rigward l-atturi kollha tul il-katina tal-provvista;

24. Jirrimarka dwar il-ħtieġa li jiddaħħal kunċett ta' responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) għas-settur tal-ħwejjeġ inklużi oqsma bħall-kwalità tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs u l-pagi indaqs, l-inklużjoni soċjali, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni, l-iżvilupp tat-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-konverġenza tar-rekwiżiti tas-CSR, inkluż qafas għar-rapportar soċjali u għall-kumpaniji u l-maniġers biex jerfgħu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi tal-abbuż jew ta' mġiba ħażina, u l-istabbiliment ta' qafas għal ftehimiet Ewropej dwar is-CSR; jenfasizza li s-CSR għandha tippromwovi proġetti li jappoġġjaw bidla lejn ekonomija sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi għall-intrapriżi tal-UE biex jidħlu f'impenji relatati mas-CSR u d-diliġenza korporattiva; jirrimarka li tali diliġenza tinkludi t-teħid ta' miżuri proattivi biex jiġi identifikat u evitat kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol jew tal-ambjent tul il-katina tal-provvista;
25. Jappella għal aktar sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi Ewropej rigward il-produzzjoni ta' prodotti tat-tessuti; jipproponi, għal dan l-għan, l-iżvilupp ta' standards ta' tikkettar fl-UE kollha għal "fair clothing", aċċessibbli kemm għall-kumpaniji multinazzjonali kif ukoll għall-SMEs, biex jindika li jkunu ġew rispettati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u biex jgħin lill-klijenti fid-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom b'informazzjoni aħjar;
26. Jenfasizza li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tal-ħwejjeġ f'xi Stati Membri tal-UE ukoll ripetutament instabu li huma prekarji rigward kwistjonijiet bħas-saħħa u s-sikurezza, il-pagi, is-sigurtà soċjali u l-ħin tax-xogħol; għalhekk, jappella għall-iżvilupp ta' inizjattivi intra-UE effiċjenti u mmirati sew li jtejbu s-sitwazzjoni fis-settur tal-ħwejjeġ u jagħtu spinta lill-impjeg fl-Istati Membri;
27. Iqis li n-nuqqas ta' rispett għall-istandards soċjali internazzjonali fis-settur tal-ħwejjeġ jirrappreżenta tip ta' dumping soċjali u ambjentali li jagħmel ħsara kemm lin-negozji kif ukoll lill-ħaddiema; jirrimarka li n-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ambjentali stretti min-negozji Ewropej fil-pajjiżi terzi jrid jitpoġġa fuq l-istess livell tal-osservanza tad-drittijiet tal-ħaddiema, billi tali nuqqas jipperikola s-saħħa tal-ħaddiema u jeqred iż-żoni rurali u tas-sajd, u jċaħħad lill-popolazzjonijiet lokali minn kwalunkwe opportunità ta' żvilupp;
28. Jifraħ lill-Kummissjoni għall-kontribut liż-Zero Vision Fund, u jinkoraġġixxi investiment kontinwu fit-titjib tas-sikurezza tal-ħaddiema; jinnota, madankollu, li l-fond u l-maġġoranza tal-inizjattivi eżistenti ma jindirizzawx b'mod adegwat il-kwistjonijiet tal-pagi indaqs, id-dritt ta' organizzazzjoni jew id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol;
29. Jitlob li jkun hemm inizjattivi nazzjonali u Ewropej biex jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jixtru prodotti magħmula lokalment;
30. Jemmen li l-ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista globali fis-settur tal-ħwejjeġ tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti, għat-tnaqqis tal-faqar, għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u għat-tranżizzjoni mill-ekonomija informali għal dik formali; jinnota, madankollu, is-sitwazzjoni partikolari taż-Żoni ta' Pproċessar tal-Esportazzjonijiet (EPZs) li, f'xi pajjiżi, huma eżenti mil-liġijiet

tax-xogħol lokali, jipprojbixxu l-attività tal-unions u ma jipprovdux rimedju legali għall-ħaddiema, u dan mhuwiex konformi mal-istandards tal-ILO; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fl-EPZs permezz tal-monitoraġġ u r-rapportar;

31. Jenfasizza l-importanza ta' industrija tal-ħwejjeġ imsejsa fuq l-innovazzjoni u l-prodotti b'valur miżjud fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u tissimplifika l-finanzjament taħt il-programmi tal-UE għall-SMEs fl-industrija tal-ħwejjeġ, kif ukoll tappoġġja r-riċerka dwar il-materjali;
32. Jappoġġja lill-SMEs fl-Istati Membri li jagħmlu kontribut sinifikanti għall-ħarsien u t-titjib tal-wirt kulturali Ewropew fl-industrija tal-ħwejjeġ.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI  
OPINJONI**

|   |  |
|---|--|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 6.2.2017   |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +: 42<br>–: 4<br>0: 0  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Brando Benifei, Enrique Calvet Chambon, Lampros Fountoulis, Marian Harkin, Rina Ronja Kari, Ádám Kósa, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Robert Rochefort, Maria João Rodrigues, Anne Sander, Sven Schulze, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Renate Weber, Jana Žitňanská |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Maria Arena, Georges Bach, Mircea Diaconu, Sergio Gutiérrez Prieto, Krzysztof Hetman, Dieter-Lebrecht Koch, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Alex Mayer, Csaba Sógor, Helga Stevens, Neoklis Sylikiotis, Flavio Zanonato  |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Clara Eugenia Aguilera García, Jakop Dalunde, Ulrike Rodust, Marc Tarabella, Miguel Viegas, Daniele Viotti   |

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

|   |  |
|---|--|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 21.3.2017  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +: 14<br>-: 2<br>0: 8  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Raymond Finch, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Lola Sánchez Caldentey, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Željana Zovko |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Cécile Kashetu Kyenge, Florent Marcellesi, Louis Michel, Jan Zahradil  |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Tania González Peñas, Martina Werner   |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 14        | +   |
|-----------|---|
| ALDE      | Louis Michel, Paavo Väyrynen  |
| ECR       | Eleni Theocharous   |
| GUE/NGL   | Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey  |
| S&D       | Doru-Claudian Frunzuliță, Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Martina Werner |
| Verts/ALE | Maria Heubuch, Florent Marcellesi   |

| 2    | -             |
|------|---------------|
| ECR  | Jan Zahradil  |
| EFDD | Raymond Finch |

| 8   | 0   |
|-----|---|
| PPE | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, György Hölvényi, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Maurice Ponga, Bogdan Brunon Wenta, Željana Zovko, Anna Záborská |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni